



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0445/2013

6.12.2013

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
(COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Libor Rouček

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

CONTENTS

Page

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA.....	40
DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-FINANZJAMENT TAL-PROGRAMMI ORIZZONTALI GĦALL-MINORITAJIET	40
STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE BENEFICIARIES LISTED IN ANNEX I	41
STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE SUSPENSION OF ASSISTANCE GRANTED UNDER THE FINANCIAL INSTRUMENTS	42
COMMISSION DECLARATION ON THE USE OF IMPLEMENTING ACTS FOR THE SETTING OF THE SPECIFIC PROVISIONS FOR THE IMPLEMENTATION OF CERTAIN RULES IN THE EUROPEAN NEIGHBORHOOD INSTRUMENT AND THE INSTRUMENT FOR PRE-ACCESSION ASSISTANCE (IPA II)	43
COMMISSION DECLARATION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT ¹	44
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	45
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	55
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	79
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	97
PROCÈDURA	113

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
(COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0838),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0491/2011),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tal-14 ta' Novembru 2012¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Ottubru 2012²,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tal-4 ta' Diċembru 2013 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0445/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Japprova d-dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u d-dikjarazzjonijiet konġunti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni mehmużin ma' din ir-riżoluzzjoni;
4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 11, 15.1.2013, p. 77.

² ĠU C 391, 18.12.2012, p. 110.

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att legiſlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja¹,

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu **■**.

¹ *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...*

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni *intitolata* “Baġit għall-Ewropa 2020”¹, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-qafas għall-istrumenti *finanzjarji għar-relazzjonijiet esterni* tal-Unjoni, inkluż l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II).
- (2) Minħabba li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006² jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013 u sabiex isir użu aktar effettiv mill-azzjoni esterna tal-Unjoni, għandu jinżamm qafas għall-ippjanar u għall-konsenja tal-għajjnuna esterna għall-perjodu 2014-2020. Il-politika ta' tkabbir tal-Unjoni għandha tibqa' tiġi appoġġata minn strument finanzjarju speċifiku. L-IPA II għandu għalhekk jiġi *stabbilit*.

¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni *Baġit għall-Ewropa 2020*, COM(2011)500 final, 29.6.2011.

² *Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)* (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

- (3) L-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li kull Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, **inklużi d-drittijiet tal-persuni li jiffurmaw parti minn minoranzi**, jista' japplika sabiex isir membru tal-Unjoni. Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun għe kkonfermat li jissodisfa l-kriterji għas-sħubija miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen f'Ġunju 1993 u dment li l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri l-ġdid. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, **l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq operattiva kif ukoll il-kapaċità li pajjiż ilaħħaq mal**-pressjoni kompetittiva **u l-forzi tas-suq fl-Unjoni**, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi taħt it-Trattati, **inkluż l-aderenza mal-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja**.
- (5) **L-istrateġija għat-tkabbir ibbażata fuq il-konsolidazzjoni, il-kondizzjonalità u l-komunikazzjoni, flimkien mal-kapaċità tal-Unjoni li tintegra membri ġodda, tibqa' tifforma l-bażi għal kunsens imġedded dwar it-tkabbir**. Il-proċess ta' adeżjoni huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-**applikanti** kollha, **b'kull wieħed minnhom jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu stess**. Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi fuq **ir-rispett ta' kull** applikant **għall-valuri tal-Unjoni u l-kapaċità tiegħu** li jwettaq ir-riformi meħtieġa sabiex jallinja s-sistemi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi u ekonomiċi mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki fl-Unjoni.
- (5a) **Il-proċess ta' tkabbir isaħħaħ il-paċi, id-demokrazija u l-istabbiltà fl-Ewropa u jippermetti li l-Unjoni tkun f'pożizzjoni aħjar biex tindirizza l-isfidi globali. Il-qawwa trasformattiva tal-proċess tat-tkabbir tiġġenera riforma politika u ekonomika estensiva fil-pajjiżi ta' tkabbir li hija ta' benefiċċju wkoll għall-Unjoni fl-intier tagħha**.
- (6) Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Islanda, il-Montenegro, lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-Turkija **u s-Serbja**. Huwa kkonferma l-perspettiva Ewropea **tal-Balkani tal-Punent. Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus jew għal kwalunkwe deċiżjoni futura li għandha tittieħed mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill, dawk li jibbenefikaw min perspettiva Ewropea bħal din li ma ngħatawx status ta' pajjiż kandidat jistgħu jitqiesu bħala** kandidati potenzjali **għall-fini uniku ta' dan ir-Regolament**.

L-assistenza finanzjarja skont dan ir-Regolament għandha tingħata lill-*benefiċjarji kollha* elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament (*'il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I'*).

- (8) L-assistenza skont dan ir-Regolament għandha tingħata f'konformità mal-qafas ta' politika dwar it-tkabbir iddefinit mill-*Kunsill Ewropew u mill-Kunsill u b'kont dovut tal-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u r-Rapporti ta' Progress inklużi* fil-pakkett annwali tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir, *kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew. L-assistenza tingħata wkoll f'konformità mal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, u f'konformità mas-Sħubiji Ewropej u għall-Adeżjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd magħżul ta' oqsma ta' politika li ser jgħinu lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni. L-assistenza għandha tkompli tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jagħmlu progress fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transkonfinali kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE. Hija għandha wkoll issaħħa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jenfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva b'attenzjoni partikolari fuq l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jinkisbu l-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhagen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tissaħħa.*
- (8a) *Sabiex jittieħed kont tal-bidliet fil-qafas ta' politika dwar it-tkabbir jew ta' żviluppi sinifikanti fil-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, is-setgħa biex jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament u l-aġġornament tal-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza elenkati fl-Anness II. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma ta' thejġija tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed thejġi u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

- (8b) *It-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-governanza tajba, inkluż ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, jibqgħu sfidi ewlenin fil-parti l-kbira tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u huma essenzjali biex dawn jersqu eqreb tal-Unjoni u biex aktar tard jassumu bis-sħiħ l-obbligi tas-sħubija mal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura aktar fit-tul tar-riformi mwettqin f'dawn l-oqsma u l-ħtieġa li jiġu akkumulati riżultati tanġibbli, l-assistenza finanzjarja skont dan ir-Regolament għandha tindirizza r-rekwiżiti tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I malajr kemm jista' jkun.*
- (9) Jeħtieġ li *l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I* ikunu ppreparati aħjar sabiex *jindirizzaw* l-isfidi globali, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. L-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi wkoll għall-għan li jiżdied il-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%.
- (9a) *L-Unjoni għandha wkoll tipprovdli appoġġ għat-transizzjoni lejn l-adeżjoni għall-benefiċċju tal-benefiċjarji kollha elenkati fl-Anness I abbażi tal-esperjenza tal-Istati Membri tagħha. Din il-kooperazzjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fil-proċess tar-riformi.*
- (10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-assistenza tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza. *Il-passi meħtieġa għandhom jittieħdu wkoll biex tiġi żgurata koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet regolari, ma' donaturi oħra. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili għandu jissaħħaħ kemm fil-programmi implimentati permezz ta' korpi governattivi kif ukoll bħala benefiċjarja diretta tal-assistenza mill-Unjoni.*

- (12) Il-*prijoritajiet għall-azzjoni lejn il-kisba* tal-għanijiet *fl-oqsma ta' politika rilevanti li ser ikunu appoġġati skont dan ir-Regolament* għandhom jiġu definiti f'dokumenti ta' strateġija indikattivi stabbiliti mill-Kummissjoni għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni bi sħubija mal-*benefiċjarji elenkati fl-Anness I*, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-aġenda ta' tkabbir, *f'konformità mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi definiti b'dan ir-Regolament u b'kont debitu meħud tal-istrateġiji nazzjonali rilevanti*. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jidentifikaw *ukoll* l-oqsma ta' politika *li għandhom jiġu appoġġati* għall-assistenza u, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, jistabbilixxu l-allokazzjonijiet indikattivi ta' fondi għal kull qasam ta' politika, imqasma għal kull sena, inkluż stima tan-nefqa relatata mal-klima. Għandu jkun hemm flessibbiltà suffiċjenti li tilqa' għall-ħtiġijiet emerġenti u li tagħti inċentivi għat-titjib tal-prestazzjoni. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiżguraw koerenza u konsistenza mal-isforzi tal-*benefiċjarji elenkati fl-Anness I* kif rifless fil-baġits nazzjonali tagħhom u għandhom jieħdu kont tal-appoġġ iprovdut minn donaturi oħra. Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi interni u esterni, id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiġu riveduti kif adatt.
- (13) Huwa fl-interess tal-Unjoni li *l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I* jiġu assistiti fl-isforzi tagħhom biex jirrifurmaw *bil-ħsieb ta' sħubija mal-Unjoni. L-assistenza għandha tiġi ġestita b'attenzjoni kbira fuq ir-riżultati u b'inċentivi għal dawk li juru l-impenn tagħhom li jirrifurmaw permezz ta' implimentazzjoni effiċjenti ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni u progress lejn l-issodisfar tal-kriterji ta' sħubija*.
- (17) L-assistenza għandha tkompli tagħmel użu mill-istrutturi u l-istrumenti li ġew ipprovat i tajbin fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-transizzjoni minn ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal ġestjoni *indiretta* ddelegata lill-*benefiċjarji elenkati fl-Anness I* għandha tkun progressiva u konformi mal-kapaċitajiet *rispettivi ta' dawk il-benefiċjarji*.
- F'konformità mal-prinċipju ta' demokrazija parteċipattiva, is-sorveljanza parlamentari ta' kull benefiċjarju elenkat fl-Anness I fir-rigward tal-assistenza pprovduta lil dak il-benefiċjarju għandha tiġi mħeġġa mill-Kummissjoni.*

- (18) ***Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat huma relatati mad-dokumenti ta' strateġija u mar-regoli speċifiċi li jistabbilixxu tali kondizzjonijiet uniformi u għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Meta wieħed jieħu kont tan-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, partikolarment in-natura ta' orjentazzjoni politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżami għandha fil-prinċipju tintuża għall-adozzjoni tagħhom, hlied għal miżuri implimentattivi tekniċi fuq skala finanzjarja żgħira. **Fl-istabbiliment ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jittieħed kont tal-esperjenza miksuba preċedentement mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni. Dawn il-kondizzjonijiet għandhom jiġu emendati jekk l-iżviluppi jkunu jirrikjedu dan.*****
- (19) Il-**kumitat** stabbilit skont dan ir-Regolament għandu jkun kompetenti wkoll fir-rigward ta' atti relatati mal-implimentazzjoni tal-**IPA**, kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006**².
- (19a) ***L-Unjoni għandha tfittex li tikseb l-aktar użu effiċjenti mir-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan għandu jinkiseb permezz ta' koerenza u komplementarjetà bejn l-Istrumenti għall-azzjoni esterna, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-Istrumenti attwali, Istrumenti oħra għal azzjoni esterna u politiki oħra tal-Unjoni. Dan għandu jinvolvi wkoll it-tisħiħ reċiproku tal-programmi pplanati taħt dawn l-Istrumenti.***

¹ ***Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni*** (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

² ***Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni*** (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 6).

- (19b) *Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.*
- (20) Minħabba l-għanijiet u l-ambitu tal-assistenza pprovduta skont dan ir-Regolament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni **għew** ikkonsultati qabel l-adozzjoni tiegħu.
- (20a) *Huwa adatt li tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel mingħajr interruzzjoni bejn l-IPA u l-IPA II u biex jiġi allinjat il-perijodu ta' żmien ta' dan ir-Regolament mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../...¹ *. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ *Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru ... ta' ... li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L ...)*

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument st11791/13 REV 7.

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 Objettiv ġenerali

L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni ("**IPA II**") **għandu jappoġġa lill-benefiċjarji** elenkati fl-Anness **I** fl-**adozzjoni u** l-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi li huma meħtieġa **mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex ikunu konformi** mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ruħhom mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-għan li jissieħbu fl-Unjoni.

Permezz ta' appoġġ bħal dan, l-IPA II għandu jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità fil-benefiċjarji elenkati fl-Anness I.

Artikolu 2 Objettivi speċifiċi

1. L-assistenza skont dan ir-Regolament għandu jkollha l-għan **li tikseb l-objettivi speċifiċi** li ġejjin skont il-ħtiġijiet ta' kull wieħed **mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I kif ukoll** l-aġenda individwali tagħhom rigward it-tkabbir:
 - (a) Appoġġ għar-riformi politiċi, fost l-oħrajn **permezz ta'**:
 - (i) it-tisħiħ tad-**demokrazija u l-istituzzjonijiet tagħha, inkluż ġudikatura indipendenti u effiċjenti, u tal-istat tad-dritt, inkluż l-implimentazzjoni tiegħu;**
 - (ii) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, it-tisħiħ tar-rispett għad-**drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, inkluż persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneru u intersess, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni u t-tolleranza, kif ukoll il-libertà tal-mezzi tax-xandir u r-rispett għad-diversità kulturali;**
 - (**ia**) **il-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien;**
 - (**ib**) **il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni, il-konsolidazzjoni tal-paċi, u l-miżuri għall-bini ta' fiduċja;**
 - (iii) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

- (iv) ***it-tisħiħ tal-***amministrazzjoni pubblika-u governanza tajba ***fil-livelli kollha***;
 - (iva) ***miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għat-titjib tal-infurzar tal-liġi, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-migrazzjoni, inkluż il-ġestjoni tal-flussi migratorji***;
 - (v) L-iżvilupp tas-soċjetà ċivili;
 - (va) ***it-titjib tad-djalogu soċjali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali***;
- (b) L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, bil-għan ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, *fost l-oħrajn* permezz ta':
- (i) il-kisba ta' standards tal-Unjoni fl-ekonomija, ***inkluż ekonomija tas-suq li taħdem, kif ukoll*** governanza ***fiskali*** u ekonomika;
 - (ii) ir-riformi ekonomiċi meħtieġa biex ***ikunu jistgħu*** jifilħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ***li jeżistu fl-Unjoni***, filwaqt li ***jikkontribwixxu għall-kisba ta'*** għanijiet soċjali u ambjentali;
 - (iii) il-promozzjoni ***tal-impjiegi u l-mobbiltà tas-suq tax-xogħol, il-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-iżvilupp tal-kapital uman***;
 - (iv) ***il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari dik tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabbiltà, ir-rifuġjati u l-persuni spostati***;
 - (iva) ***it-trawwim ta' sistema edukattiva inklużiva u integrata u l-preservazzjoni u l-irkupru tal-wirt kulturali***;
 - (v) L-iżvilupp tal-kapital fiżiku, ***inkluż it-titjib tal-infrastruttura, u tal-konnessjonijiet man-netwerks tal-Unjoni u n-netwerks reġjonali***;
 - (va) ***it-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-kapaċità innovattiva***;
- (c) It-tisħiħ tal-kapaċità ***tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I fil-livelli kollha*** biex jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija ***mal-Unjoni*** permezz ta' appoġġ tal-allinjament progressiv ***mal-acquis tal-Unjoni*** u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu, ***inkluż it-tħejjijiet għall-amministrazzjoni tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, agrikoli u għall-iżvilupp rurali tal-Unjoni***.
- (d) ***It-tisħiħ tal-integrazzjoni reġjonali u l-kooperazzjoni territorjali li jinvolvu l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, l-Istati Membri u, fejn adatt, pajjiżi terzi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹ *.

¹ ***Ir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L ...)***.

* ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota f'qiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument 2011/0405 (COD)***.

2. Il-progress lejn *il-kisba* tal-obiettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandu jiġi *mmonitorjat u vvalutat abbażi ta'* indikaturi *predefiniti, ċari, trasparenti u, fejn adatt, speċifiċi għall-pajjiż u li jistgħu jitkejlu* li jkopru, fost l-oħrajn:

- (a) Il-progress fl-oqsma tat-*tisħiħ tad*-demokrazija, l-istat ta' dritt *u sistema ġudizzjarja indipendenti u effiċjenti*, ir-rispett *għad*-drittijiet tal-bniedem, *inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u gruppi vulnerabbli, il-libertajiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni, ir-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien u r-ritorn tar-rifuġjati, u b'mod partikolari, l-istabiliment ta' esperjenza f'dawn l-oqsma;*
- (b) Il-progress fir-riformi *soċjoekonomiċi u fiskali, l-indirizzar tal-iżbilanċi strutturali u makroekonomiċi;* is-solidità u l-effettività tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, il-progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv *u l-ħolqien ta' edukazzjoni inklużiva u integrata, taħriġ u impjegi ta' kwalità,* inkluż permezz ta' investimenti pubbliċi appoġġati mill-IPA II; *il-progress lejn il-ħolqien ta' ambjent li jiffavorixxi n-negozju;*
- (c) *Il-progress fl-allinjament tal-korp ta' leġislazzjoni-mal-acquis tal-Unjoni, inkluż rekord tal-implimentazzjoni tagħha;* il-progress fir-riforma istituzzjonali relatata mal-Unjoni, inkluż transizzjoni lejn amministrazzjoni deċentralizzata tal-assistenza pevista skont dan ir-Regolament;
- (d) *Il-progress fil-bini u t-tisħiħ tal-governanza tajba, il-kapaċitajiet amministrattivi, istituzzjonali u ta' assorbiment fil-livelli kollha, inkluż riżorsi umani adegwati, meħtieġa għall-adozzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni relatata mal-acquis;*
- (e) L-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali u territorjali u l-evoluzzjoni tal-flussi kummerċjali.

L-indikaturi għandhom jintużaw għal monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-analiżi tal-prestazzjoni, kif adatt. *Ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni li jissemmew fl-Artikolu 3a għandhom jitqiesu bħala punt ta' referenza meta jiġu vvalutati r-riżultati tal-assistenza mill-IPA II. L-indikaturi ta' prestazzjoni rilevanti għandhom jiġu definiti u inklużi fid-dokumenti strateġiċi u l-programmi msemmija fl-Artikoli 6 u 7 u għandhom ikunu stabbiliti sabiex jippermettu li l-progress jiġi vvalutat b'mod objettiv matul iż-żmien u, fejn adatt, għal programmi differenti.*

Artikolu 3

Oqsma ta' politika

1. L-assistenza skont dan ir-Regolament għandha tindirizza prinċipalment l-oqsma ta' politika li ġejjin:

- (a) *ir-riformi bi thejjja għas-sħubija mal-Unjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet relatati;*
- (b) l-iżvilupp *soċjoekonomiku u* reġjonali;
- (c) l-impjiegi, il-politiki soċjali, *l-edukazzjoni, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi* u l-iżvilupp tar-riżorsi umani;
- (d) l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali;
- (e) il-kooperazzjoni reġjonali u territorjali.

L-assistenza taħt l-oqsma ta' politika *kollha* msemmija fil-paragrafu 1 *ta' dan l-Artikolu* għandha tappoġġa lill-*benefiċjarji elenkati fl-Anness I* biex jiksbu l-oġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 1 u 2, *b'mod partikolari permezz tar-riformi ta' politika, l-approssimazzjoni tal-liġijiet, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-investimenti* .

Fejn adatt, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-governanza tajba, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

3. L-assistenza taħt l-oqsma ta' politika msemija fil-punti (b) *sa (e)* tal-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-finanzjament tat-tipi ta' azzjonijiet previsti skont ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ *, ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² *, ir-Regolament (UE) XXXX/201X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ *, ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ * u r-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ *.

¹ ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għan tal-Investiment għat-ikabbir u l-impjegi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006*** (ĠU L ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 83/13.

² ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006*** (ĠU L ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 82/13.

³ ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006*** (ĠU L ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 87/13.

⁴ ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea*** (ĠU L ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.

⁵ ***Ir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005*** (ĠU L ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 93/13.

4. L-assistenza taħt il-qasam ta' politika msemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 1, tista' b' mod partikolari tiffinanzja azzjonijiet li jinvolvu lil ħafna pajjiżi jew orizzontali kif ukoll azzjonijiet ta' kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali.

Artikolu 3a

Qafas għall-assistenza

1. *L-assistenza skont dan ir-Regolament għandha tingħata f'konformità mal-qafas ta' politika dwar it-tkabbir iddefinit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill u filwaqt li jittieħed kont dovut tal-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u r-Rapporti ta' Progress inklużi fil-pakkett annwali tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir, kif ukoll tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn l-assistenza u l-qafas ta' politika dwar it-tkabbir.*
2. *L-assistenza għandha tkun immirata u aġġustata għas-sitwazzjoni speċifika tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, b'kont meħud ta' sforzi oħrajn meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sħubija kif ukoll il-kapaċitajiet ta' dawk il-benefiċjarji. L-assistenza għandha tkun differenzjata fir-rigward tal-ambitu u l-intensità skont il-ħtiġijiet, l-impenn għal riformi u l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi. Hija għandha tkun diretta prinċipalment lejn l-għoti ta' għajnuna lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex ifasslu u jimplementaw ir-riformi fis-settur. Il-politiki u l-istrateġiji settorjali għandhom ikunu komprensivi u għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 2 (1) ta' dan ir-Regolament.*
3. *F'konformità mal-objettivi speċifiċi li jinsabu fl-Artikolu 2(1), il-prijoritajiet tematiċi għall-għoti ta' assistenza skont il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I jinsabu fl-Anness II. Kull waħda minn dawn il-prijoritajiet tematiċi tista' tikkontribwixxi għall-kisba ta' iktar minn objettiv speċifiku wieħed.*

4. *F'konformità mal-objettiv speċifiku li jinsab fl-Artikolu 2(1)(d) ta' dan ir-Regolament, l-assistenza għandha tappoġġa l-kooperazzjoni transkonfinali, kemm bejn il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I kif ukoll bejnhom u l-Istati Membri jew il-pajjiżi taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat, bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, it-trawwim tal-integrazzjoni tal-Unjoni u l-promozzjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku. Il-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza għall-kooperazzjoni territorjali jinsabu fl-Anness III.*

Artikolu 4

Konformità, koerenza u komplementarjetà

1. L-assistenza finanzjarja skont dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-politiki tal-Unjoni. Hija għandha tikkonforma mal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-**benefiċjarji elenkati fl-Anness I** u tirrispetta l-impenji skont ftehimiet multilaterali li tagħhom l-Unjoni hija parti.
- 1a. **Il-Kummissjoni għandha, f'kuntatt mal-Istati Membri, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni lejn aktar trasparenza u sens ta' responsabbiltà fl-għoti ta' assistenza, inkluż permezz tal-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni dwar il-volum u l-allokkazzjoni tal-assistenza, filwaqt li tiżgura li d-data tkun komparabbli internazzjonalment u li tkun tista' tiġi ppubblikata u kondiviża faċilment u jkun hemm aċċess faċli għaliha.**
2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment għandhom **jikkooperaw biex jiżguraw koerenza u jagħmlu ħilithom biex jevitaw id-duplikazzjoni bejn l-assistenza** mogħtija skont dan ir-Regolament u assistenza oħra mogħtija mill-Unjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment, **inkluż permezz ta' laqgħat regolari u inklużivi għall-koordinazzjoni tal-assistenza.**
3. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-programmi ta' assistenza rispettivi tagħhom bl-għan li tiżdied l-effettività u l-effiċjenza fl-għoti ta' assistenza u biex jiġi evitat finanzjament doppju f'konformità mal-prinċipji stabbiliti għat-tiżhij tal-koordinazzjoni operazzjonali fil-qasam tal-assistenza esterna, u għall-armonizzazzjoni tal-linji ta' politika u l-proċeduri, **speċjalment il-prinċipji internazzjonali dwar l-effettività tal-għajnuna.** Il-koordinazzjoni tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza, b'mod partikolari fil-livell tal-qasam u għandha tikkostitwixxi pass ewlieni fil-proċessi ta' programmazzjoni tal-Istati Membri u l-Unjoni.

4. Sabiex jiżdedu l-effettività u l-effiċjenza fl-għoti tal-assistenza u sabiex jiġi evitat il-finanzjament doppju, il-Kummissjoni għandha, f'kuntatt mal-Istati Membri, tiegħu l-passi meħtieġa sabiex tiżgura koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet multilaterali u reġjonali, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, l-aġenziji, il-fondi u l-programmi tan-Nazzjonijiet Uniti u d-donaturi li mhumiex parti mill-Unjoni.
5. Fit-tnejn, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-assistenza skont dan ir-Regolament, fil-prinċipju, il-Kummissjoni għandha taġixxi fi sħubija mal-**benefiċjarji elenkati fl-Anness I**. Is-sħubija għandha **tinkludi**, kif adatt, awtoritajiet nazzjonali u lokali kompetenti, **kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**. **Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati rilevanti.**

Il-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jissaħħu, inkluż, kif adatt, bħala benefiċjarji diretti tal-assistenza.

TITOLU II

L-IPPJANAR STRATEĠIKU

Artikolu 6

Dokumenti strateġiċi

1. L-assistenza skont dan ir-Regolament għandha tingħata abbażi ta' dokumenti strateġiċi indikattivi għal pajjiż wieħed jew għal diversi pajjiżi ("dokumenti strateġiċi"), li jiġu stabbiliti għat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni, mill-Kummissjoni fi sħubija mal-**benefiċjarji elenkati fl-Anness I**.
2. Id-dokumenti strateġiċi għandhom **jiddefinixxu l-prijoritajiet għall-azzjoni biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi jew reġjonali fl-oqsma ta' politika rilevanti** msemmija fl-Artikolu 3, li ser **jiġu appoġġati** skont dan ir-Regolament **f'konformità** mal-objettivi **ġenerali u speċifiċi** msemmija fl-**Artikoli 1 u 2. Id-dokumenti strateġiċi għandhom jiġu adottati f'konformità mal-qafas għall-assistenza stipulat fl-Artikolu 3a u filwaqt li jittieħed kont dovut tal-istrateġiji nazzjonali rilevanti**.
3. Id-dokumenti strateġiċi għandhom jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-Unjoni għal kull qasam ta' politika, kif applikabbli, imqasma kull sena, **u għandhom** jippermettu li jiġu indirizzati ħtiġijiet li jitfaċċaw, **mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li l-assistenza f'oqsma ta' politika differenti tiġi kkombinata. Id-dokumenti strateġiċi għandhom jinkludu l-indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress fir-rigward tal-miri li jinsabu fihom**.
4. **Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni annwali tal-implimentazzjoni tad-dokumenti strateġiċi u r-rilevanza kontinwa tagħhom fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 3a. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 12(1) bir-riżultati ta' din il-valutazzjoni u tista' tipproponi reviżjonijiet tad-dokumenti strateġiċi u/jew tal-programmi u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 7, kif adatt.** Id-dokumenti strateġiċi għandhom **ukoll** jiġu **eżaminati** f'nofs it-terminu u riveduti, kif adatt.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-dokumenti strateġiċi u kwalunkwe reviżjoni tagħhom f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu [16(3)] tar-Regolament (UE) **Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ***.

¹ Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna (ĠU ...).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test, kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota f'qiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument 2011/0415 (COD).

TITOLU III IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 7 Programmazzjoni

L-assistenza tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandha tiġi implimentata **direttament, indirettament jew f'għestjoni kondiviża** permezz ta' programmi u miżuri kif imsemmija fl-Artikoli [2] u [3] tar-Regolament (UE) Nru .../... * u f'konformità ma' regoli speċifiċi li jistabbilixxu kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b' mod partikolari rigward l-istrutturi u l-proċeduri ta' għestjoni, li l-Kummissjoni għandha tadotta f'konformità mal-**Artikolu 12** ta' dan ir-Regolament. L-implimentazzjoni għandha, bħala regola, tiegħu l-għamla ta' programmi annwali jew pluriennali, speċifiċi għall-pajjiż jew għal diversi pajjiżi **kif ukoll programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali** stabbiliti f'konformità mad-dokumenti strateġiċi msemmija fl-Artikolu 6 u mfasslin mill-**benefiċjarji rispettivi elenkati fl-Anness I** u/jew il-Kummissjoni, kif adatt.

Kwalunkwe programmazzjoni jew rieżami tal-programmi li jsir wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' nofs it-terminu msemmi fl-Artikolu [17] tar-Regolament UE Nru .../... * għandu jiegħu kont tar-riżultati, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu.

Artikolu-8 Ftehimiet qafas u ftehimiet sussidjarji

1. Il-Kummissjoni u l-**benefiċjarji rispettivi elenkati fl-Anness I** għandhom jikkonkludu ftehimiet qafas dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza.
2. Il-ftehimiet sussidjarji dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza jistgħu jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni u l-**benefiċjarji rispettivi elenkati fl-Anness I** jew l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni **tagħhom**, kif meħtieġ.

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415(COD).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415(COD).

Artikolu 9
Dispożizzjonijiet Trasversali

1. F'ċirkostanzi debitament iġġustifikati u sabiex tiżgura l-koerenza u l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex trawwem il-kooperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-eliġibbiltà tal-programmi u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 7 għal pajjiżi, territorji u reġjuni li f'ċirkostanzi differenti ma jkunux eliġibbli għal finanzjament skont l-Artikolu 1, meta l-programm jew il-miżura li għandha tiġi implimentata tkun ta' natura globali, reġjonali jew transkonfinali.
2. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri stabbiliti skont dan ir-**Regolament** għal kooperazzjoni transkonfinali bejn il-**benefiċjarji elenkati fl-Anness I** u l-Istati Membri. L-ammont tal-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru .../...^{*}. *Id-disp* ożizzjonijiet ta' **dan ir-Regolament** għandhom japplikaw għall-użu ta' din il-kontribuzzjoni.
3. Fejn adatt, l-IPA **II** tista' tikkontribwixxi għal programmi jew miżuri ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali li jiġu stabbiliti u implimentati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru .../...^{*} u li *fih*om jipparteċipaw **il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I**.
4. Fejn adatt, l-IPA **II** jista' jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri ta' kooperazzjoni transkonfinali li jiġu stabbiliti u implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru .../...^{*} u li *fih*om jipparteċipaw **il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I**.
- 4a. **Fejn adatt, l-IPA II jista' jikkontribwixxi għal programmi jew miżuri li jiġu introdotti bħala parti minn strateġija makroreġjonali, u li fihom jiġu involuti l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I.**

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 81/13.

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0405(COD).

TITOLU IV DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 10

Delega ta' setgħat lill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex temenda l-Anness II għal dan ir-Regolament. ***B'mod partikolari, wara l-pubblikazzjoni tar-Rapport ta' nofs it-terminu, kif imsemmi fl-Artikolu [17] tar-Regolament (UE) Nru .../...*, u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat li jemenda l-Anness II għal dan ir-Regolament sal-31 ta' Marzu 2018.***

Artikolu 11

L-eżerċizzju tad-delega

1. *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*
2. *Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmijin fl-Artikolu 10 sal-31 ta' Diċembru 2020.*
3. *Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.*
4. *Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415(COD).

5. Att iddelegat **adottat skont dan l-Artikolu** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' **xahrejn** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' **xahrejn** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew **tal-Kunsill**.

Artikolu 11a

Adozzjoni ta' aktar regoli ta' implimentazzjoni

Minbarra r-regoli fir-Regolament (UE) Nru .../...^{*}, għandhom jiġu adottati regoli speċifiċi li jistabbilixxu kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu [(16(3))] tar-Regolament (UE) Nru .../...^{*}.

Artikolu 12

Kumitat

1. **Għandu jkun stabbilit Kumitat tal-IPA magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni ('il-Kumitat tal-IPA II-'). Il-Kumitat tal-IPA II għandu jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-oqsma ta' politika kollha msemmija fl-Artikolu 3. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**
3. **Il-Kumitat tal-IPA II għandu jkollu kompetenza fir-rigward tal-atti legali u l-impenji skont ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006. Barra minn hekk, il-Kumitat tal-IPA għandu jkollu kompetenza wkoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 389/2006.**

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415(COD).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415(COD).

Artikolu 12a
L-ippremjar għall-prestazzjoni

1. ***Id-dokumenti strateġiċi msemmija fl-Artikolu 6 għandhom jipprevedu li ammont adatt ta' assistenza għandu jibqa' disponibbli biex benefiċjarju individwali elenkat fl-Anness I jiġi ppremjat għal:***
 - (a) ***progress partikolari li l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I ikunu għamli lejn il-kisba tal-kriterji għas-sħubija, u/jew***
 - (b) ***implimentazzjoni effiċjenti tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni li tikseb riżultati partikolarment tajbin fir-rigward tal-miri speċifiċi stabbiliti fid-dokument strateġiku rilevanti.***

2. ***Meta l-progress li jkun sar u/jew ir-riżultati li jkunu nkisbu minn benefiċjarju elenkat fl-Anness I jibqgħu sinifikattivament taħt il-livelli maqbula stabbiliti fid-dokumenti strateġiċi, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-allokazzjonijiet b'mod proporzjonali, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu [16(3)] tar-Regolament (UE) Nru .../...****

3. ***Għandu jitwarrab ammont adatt għal dan il-għan u dan għandu jiġi allokat abbażi ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni u l-progress tul perijodu ta' diversi snin iżda mhux aktar tard mill-2017 u l-2020, rispettivament. L-indikaturi tal-prestazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament u speċifikati fid-dokumenti strateġiċi għandhom jiġu kkunsidrati.***

4. ***L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-Unjoni fid-dokumenti strateġiċi msemmija fl-Artikolu 6 għandha tiegħu kont tal-possibbiltà li l-fondi addizzjonali kkonċernati jiġu allokat abbażi tal-prestazzjoni u/jew tal-progress.***

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0415(COD).

Artikolu 14
Il-pakkett finanzjarju

1. 1. Il-**pakkett** finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perijodu mill-2014 sal-2020 **ġie stabbilit għall**-ammont ta' **EUR 11 698 668 000** (*prezzijiet kurrenti*). Ammont sa **4%** tal-**pakkett** finanzjarju għandu jiġi allokat għall-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn **il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I** u l-Istati Membri tal-UE, **f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom**.
2. 2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-**Parlament Ewropew u l-Kunsill** fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.
- 3.
4. 3. Kif imsemmi fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru .../... **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**¹ *, *sabiex* tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja, ammont indikattiv ta' **EUR 1 680 000 000** mill-istrumenti esterni differenti (l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew tal-Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni, l-Istrument tas-Sħubija), ser ikun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim lejn jew minn pajjiżi mhux tal-UE u għal kooperazzjoni u djalogu politiku ma' awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru .../... * *ser japplikaw* għall-użu ta' daww il-fondi.

Il-finanzjament ser ikun disponibbli permezz ta' **żewġ** allokkazzjonijiet pluriennali li jkopru biss l-ewwel **erba'** snin u t-**tliet** snin li jkun baqa', rispettivament. Dan il-finanzjament ser ikun rifless fil-programmazzjoni indikattiva pluriennali ta' dawn l-istrumenti, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. L-allokkazzjonijiet jistgħu jiġu riveduti f'każ ta' ċirkustanzi maġġuri imprevisi jew bidliet politiċi importanti f'konformità mal-prijoritajiet esterni tal-**Unjoni**.

¹ **Ir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (ĠU L ...).**

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u kkompleta t-titolu fit-test kif ukoll id-data u r-referenza għall-pubblikazzjoni fil-ĠU fin-nota fqiegħ il-paġna tar-Regolament fid-dokument 2011/0371 (COD).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru fit-test tar-Regolament fid-dokument 2011/0371(COD).

Artikolu 15
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 *sal-31 ta' Diċembru 2020*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

I. Magħmul fi Brussell,

II. Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

- Albanija
- Bosnja-Herzegovina
- Islanda
- Kosovo*
- Montenegro
- Serbja
- Turkija
- Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

* *L-użu ta' dan l-isem hu mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.*

Prijoritajiet tematiċi għall-assistenza

L-assistenza tista', kif adatt, tindirizza l-prijoritajiet tematiċi li ġejjin:

- a) *Il-konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni pubblika u governanza ekonomika fis-sod. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: isaħħu l-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-professjonalizzazzjoni u depolitiċizzazzjoni tas-servizz pubbliku, li jintegraw prinċipji ta' meritokrazija u jiżguraw proċeduri amministrattivi adegwati; isaħħu l-kapaċità ta' tisħiħ tal-istabbiltà makroekonomika u jappoġġaw il-progress lejn ekonomija tas-suq li taħdem kif ukoll ekonomija aktar kompetittiva; jappoġġaw il-parteeċipazzjoni fil-mekkaniżmu ta' sorveljanza fiskali multilaterali tal-Unjoni u kooperazzjoni sistematika mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rigward il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika kif ukoll it-tisħiħ tal-amministrazzjoni finanzjarja pubblika;*
- b) *L-istabiliment u l-promozzjoni sa minn stadju bikri tal-funzjonament adatt tal-istituzzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat l-istat tad-dritt. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jistabbilixxu sistemi ġudizzjarji indipendenti, responsabbli u effiċjenti, inkluż sistemi ta' reklutaġġ, evalwazzjoni u promozzjoni trasparenti u bbażati fuq il-mertu u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każ ta' mġiba illeċita; jiżguraw l-istabiliment ta' sistemi robusti ta' protezzjoni tal-fruntieri, jiġġestixxu l-flussi migratorji u jipprovdu asil għal dawk fil-bżonn; jiżviluppaw għodod effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni; jipromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi – inklużi r-Rom kif ukoll persuni lesbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneru u intersess – u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-mezzi tax-xandir.*
- c) *It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali inkluż assoċjazzjonijiet professjonali f'benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-inkoraġġiment ta' netwerking fost l-organizzazzjonijiet ibbażati fl-Unjoni u dawk ta' benefiċjarji elenkati fl-Anness I*

*fil-livelli kollha, biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi djalogu effettiv mal-atturi
pubbliċi u privati.*

- d) *Investimenti fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jippromwovu aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità tajba fit-tfulija bikrija, fil-livell primarju u dak sekondarju; inaqqsu t-tluq bikri mill-iskola; jadattaw is-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET) għad-domandi tas-suq tax-xogħol; itejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja; isaħħu l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, u jappoġġaw l-investimenti fl-infrastruttura tal-edukazzjoni u t-taħriġ partikolarment bil-għan li jonqsu d-differenzi territorjali u titrawwem edukazzjoni mingħajr segregazzjoni.*
- e) *Il-promozzjoni tal-impjegi u l-appoġġ għall-mobbiltà tas-suq tax-xogħol. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jintegraw b'mod sostenibbli fis-suq tax-xogħol liż-żgħażaġh li mhumiex fl-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEET), inkluż permezz ta' miżuri li jstimulaw l-investimenti għal ħolqien ta' impjegi ta' kwalità, kif ukoll li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-persuni mingħajr xogħol, u li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni ogħla fis-suq tax-xogħol mill-gruppi sottorappreżentati kollha. Oqsma oħrajn ta' intervent għandhom ikunu l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi, l-adattament tal-ħaddiema u l-intrapriżi għall-bidla, l-istabbiliment ta' dialogu soċjali sostenibbli u l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol.*
- f) *Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li jintegraw lil komunitajiet emarġinati bħar-Rom; jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew nisel etniku, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali; u li jsaħħu l-aċċess għal servizzi li jintlaħqu minn kulħadd, sostenibbli u ta' kwalità għolja bħall-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali.*
- g) *Il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u t-tneħħija ta' konġestjoni fl-infrastrutturi tan-netwerk prinċipali b'mod partikolari l-investment f' proġetti b'valur miżjud Ewropew għoli. L-investimenti identifikati għandhom jingħataw prijorità skont il-kontribut tagħhom għall-mobbiltà, is-sostenibbiltà, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta'*

gass b'effett ta' serra, ir-rilevanza għall-konnessjonijiet mal-Istati Membri, u b'mod koerenti maż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport.

- h) It-titjib tal-ambjent tas-settur privat u l-kompetittività tal-intrapriżi inkluż l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti bħala muturi ewlenin għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni. Għandha tingħata prijorità għal proġetti li jtejbu l-ambjent tan-negozju.*
- i) It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-infrastruttura tar-riċerka, ambjent favorevoli u l-promozzjoni ta' netwerking u kollaborazzjoni.*
- j) Isir kontribut għas-sigurtà u s-sikurezza tal-provvista alimentari u ż-żamma ta' sistemi ta' biedja diversifikati u vijabbli f'komunitajiet rurali vibranti u fil-kampanja.*
- k) Tiżdied il-kapaċità tas-settur agroalimentari sabiex ilaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq kif ukoll sabiex jallinja ruħu progressivament mar-regoli u l-istandards tal-Unjoni, filwaqt li jfittex li jikseb l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali fi żvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali.*
- l) Il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, reżiljenza ikbar għat-tibdil fil-klima u governanza u informazzjoni relatati mal-azzjoni klimatika. Il-finanzjament mill-IPA II għandu jipromwovi l-politiki b'appoġġ għat-tibdil lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, sikura u sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.*
- m) Il-promozzjoni ta' miżuri ta' rikonċiljazzjoni, konsolidazzjoni tal-paċi u għal bini ta' fiduċja.*

Prijoritajiet tematiċi għal assistenza għal kooperazzjoni territorjali

L-assistenza għal kooperazzjoni transkonfinali tista', kif adatt, tindirizza l-prijoritajiet tematiċi li ġejjin:

- a) Il-promozzjoni tal-Impjiegi, il-mobbiltà tas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u kulturali b'mod transkonfinali, fost l-oħrajn: l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol transkonfinali, inkluż il-mobbiltà transkonfinali; inizzjattivi lokali konġunti favur l-impjiegi; informazzjoni u servizzi konsultattivi u taħriġ konġunt; ugwaljanza bejn is-sessi; opportunitajiet indaqs; integrazzjoni tal-komunitajiet tal-immigranti u l-gruppi vulnerabbli; investimenti għal servizzi ta' impjieg pubbliku; investimenti ta' appoġġ fis-saħħa pubblika u s-servizzi soċjali;*
- b) Il-protezzjoni tal-ambjent, il-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, fost l-oħrajn permezz ta': azzjonijiet konġunti għal protezzjoni ambjentali; il-promozzjoni tal-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u t-tibdil lejn ekonomija sikura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; il-promozzjoni ta' investimenti biex jiġu indirizzati riskji speċifiċi, l-iżgurar ta' reżiljenza għad-diżastri u l-iżvilupp ta' sistemi għall-ġestjoni ta' diżastri u tħejjija f'każijiet ta' emerġenza;*
- c) Il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u t-titjib fl-infrastrutturi pubbliċi fost l-oħrajn permezz ta': tnaqqis tal-iżolament permezz ta' aċċess imtejjeb għat-trasport, għan-netwerks u s-servizzi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; l-investment f'sistemi u faċilitajiet transkonfinali ta' ilma, skart u enerġija;*
- d) L-inkoraġġiment tat-turiżmu u l-patrimonju kulturali u naturali.*
- e) L-investment fiż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u l-ħiliet fost l-oħrajn permezz ta': l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' edukazzjoni konġunta, taħriġ vokazzjonali, skemi ta' taħriġ u infrastruttura li tappoġġa l-attivitajiet konġunti favur iż-żgħażaġh;*

f) Il-promozzjoni ta' governanza lokali u reġjonali u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-ippjanar u amministrattiva ta' awtoritajiet lokali u reġjonali;

- g) It-tisħiħ tal-kompetittività, l-ambjent tan-negozju u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kummerċ u investiment fost l-oħrajn permezz ta': promozzjoni u appoġġ għall-intraprenditorija, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; l-iżvilupp ta' swieq transkonfinali lokali u l-internazzjonalizzazzjoni;*
- h) It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fost l-oħrajn permezz ta': promozzjoni tal-kondiviżjoni tar-riżorsi umani u l-faċilitajiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.*

Il-fondi tal-IPA jistgħu wkoll jiffinanzjaw, kif adatt, il-parteciċipazzjoni ta' benefiċjarji elenkati fl-Anness I fi programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali taħt l-għan tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea tal-Fondi Strutturali u fi programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat. F'dawn il-każijiet, l-ambitu tal-assistenza jiġi stabbilit f'konformità mal-qafas regolatorju tal-istrument rilevanti (Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment jew l-Istrument Ewropew ta' Viċinat).

ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-FINANZJAMENT TAL-PROGRAMMI ORIZZONTALI GĦALL-MINORITAJET

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-Artikolu 2.1 a.ii għandu jkun interpretat fis-sens li jippermetti l-finanzjament ta' programmi mmirati lejn it-tisħiħ tar-rispett għall-minoritajiet u l-protezzjoni tagħhom f'konformità mal-kriterji ta' Kopenĥagen, kif kien il-każ taħt ir-Regolament IPA I.

STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE BENEFICIARIES LISTED IN ANNEX I

The European Parliament notes that the Regulation establishing an Instrument for Pre-accession Assistance (IPA II) uses the term "the beneficiaries listed in Annex I" throughout the text. The European Parliament considers that this term applies to countries.

STATEMENT BY THE EUROPEAN PARLIAMENT ON THE SUSPENSION OF ASSISTANCE GRANTED UNDER THE FINANCIAL INSTRUMENTS

The European Parliament notes that the Regulation establishing a financing instrument for development cooperation, the Regulation establishing a European Neighbourhood Instrument, the Regulation establishing a Partnership Instrument for cooperation with third countries and the Regulation on the Instrument for Pre-accession Assistance do not contain any explicit reference to the possibility of suspending assistance in cases where a beneficiary country fails to observe the basic principles enunciated in the respective instrument and notably the principles of democracy, rule of law and the respect for human rights.

The European Parliament considers that any suspension of assistance under these instruments would modify the overall financial scheme agreed under the ordinary legislative procedure. As a co-legislator and co-branch of the budgetary authority, the European Parliament is therefore entitled to fully exercise its prerogatives in that regard, if such a decision is to be taken.

COMMISSION DECLARATION ON THE USE OF IMPLEMENTING ACTS FOR THE SETTING OF THE SPECIFIC PROVISIONS FOR THE IMPLEMENTATION OF CERTAIN RULES IN THE EUROPEAN NEIGHBORHOOD INSTRUMENT AND THE INSTRUMENT FOR PRE-ACCESSION ASSISTANCE (IPA II)

The Commission considers that the rules for implementing cross-border cooperation programmes as set out in Regulation (EU) No [XXX] of the European Parliament and of the Council (CIR) and other specific, more detailed implementing rules in Regulation (EU) No [XXX] of the European Parliament and of the Council on the Instrument for Pre-accession assistance (IPA II), *aim at supplementing the basic act and should therefore be delegated acts to be adopted on the basis of article 290 TFEU. The Commission will not stand against the adoption of the text as agreed by the co-legislators. Nevertheless, the Commission recalls that the question of delimitation between Articles 290 and 291 TFEU is currently under examination by the Court of justice in the "biocides" case.*

COMMISSION DECLARATION ON THE STRATEGIC DIALOGUE WITH THE EUROPEAN PARLIAMENT¹

On the basis of Article 14 TEU, the Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament prior to the programming of [add the name of the corresponding ENI, DCI, IPA II, EIDHR, IfS, PI Regulation] and after initial consultation of its relevant beneficiaries, where appropriate. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with indicative allocations foreseen per country/region, and, within a country/region, priorities, possible results and indicative allocations foreseen per priority for geographic programmes, as well as the choice of assistance modalities*. The Commission will present to the Parliament the relevant available documents on programming with thematic priorities, possible results, choice of assistance modalities*, and financial allocations for such priorities foreseen in thematic programmes. The Commission will take into account the position expressed by the European Parliament on the matter.

The Commission will conduct a strategic dialogue with the European Parliament in preparing the Mid Term Review and before any substantial revision of the programming documents during the period of validity of this Regulation.

The Commission, if invited by the European Parliament, will explain where Parliament's observations have been taken into consideration in the programming documents and any other follow-up given to the strategic dialogue.

¹ The Commission will be represented at the responsible Commissioner level

* Where applicable

21.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
(COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Iuliu Winkler

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Artikolu 49 tat-TFUE jipprevedi li kwalunkwe stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tal-UE u li impenja ruħu favur il-promozzjoni tagħhom jista' japplika biex isir membru tal-Unjoni. Ġie ppruvat li t-tkabbir tal-UE kien ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-UE u, permezz tiegħu, l-UE qiegħda f'qagħda aħjar biex tindirizza l-isfidi ta' lllum u tal-ġejjieni.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Strument ġdid għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) hi mmirata lejn il-ħolqien ta' għodda li toffri assistenza teknika u finanzjarja lill-pajjiżi kandidati sabiex tgħinhom jissodisfaw il-kriterji biex jingħaqdu mal-UE. Il-predeċessor tagħha (l-IPA) li se jiskadi fi tmiem l-2013 wera l-utilità tiegħu biex jgħin lill-pajjiżi kandidati jegħlbu l-qagħda diffiċli tagħhom u jiżviluppaw b'mod sostenibbli.

Ir-Rapporteur jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni biex l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni fil-futur tkun saħansitra aktar strateġika, effiċjenti u mmirata aħjar milli kienet s'issa, bil-għan li jinkisbu riżultati aktar sostenibbli fit-titjib ta' kemm dawn il-pajjiżi jkunu lesti għas-sħubija. L-istrument il-ġdid għandu jkompli jsegwi l-oġettiv politiku ġenerali ta' appoġġ għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali fit-tnejniet tagħhom għas-sħubija mal-UE u l-allinjament progressiv tal-istituzzjonijiet u l-ekonomiji tagħhom mal-istandards u l-politiki tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rapporteur jemmen bil-qawwa li l-iżvilupp ekonomiku jrid jimxi id f'id mar-riformi politiċi, waqt li l-prospertà ekonomika hija mezz importanti lejn il-bidliet istituzzjonali u politiċi meħtieġa. Ir-rapporteur hu tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni ma tpoġġix biżżejjed enfasi fuq il-kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp ekonomiku u jipproponi emendi biex jitranġa dan in-nuqqas. Speċifikament, ir-Rapporteur iqis li l-inklużjoni tal-iżvilupp ekonomiku u l-koperazzjoni fil-kummerċ huma tal-ogħla importanza fost l-oqsma ta' politika soġġetti għall-assistenza taħt ir-Regolament dwar l-IPA II.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa l-kriterji **għas-sħubija** miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen f'Ġunju 1993 u sakemm l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri ġodda. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-iżvilupp tal-ekonomija li trid tkun biżżejjed biex tiflaħ għall-pressjoni kompetittiva fis-suq intern, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi taħt it-Trattati.

Emenda

(4) Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa l-kriterji **għall-adeżjoni** miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen f'Ġunju 1993 u sakemm l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri ġodda. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, **governanza tajba**, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-iżvilupp tal-ekonomija li trid tkun biżżejjed biex tiflaħ għall-pressjoni kompetittiva fis-suq intern, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll, **u b'mod aktar importanti**, l-obbligi taħt it-Trattati.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-proċess ta' adeżjoni huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-pajjiżi applikanti kollha. Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi fuq il-kapaċità tal-pajjiż applikant li jwettaq ir-riformi meħtieġa sabiex jallinja s-sistemi politiċi,

Emenda

(5) Il-proċess ta' adeżjoni huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali tal-pajjiżi applikanti kollha. Il-progress lejn l-adeżjoni jiddependi fuq il-kapaċità tal-pajjiż applikant li jwettaq ir-riformi meħtieġa sabiex jallinja s-sistemi politiċi,

istituzzjonali, legali, amministrattivi u ekonomiċi **mar-regoli**, l-istandards, il-politika u l-prattika tal-Unjoni.

istituzzjonali, legali, amministrattivi u ekonomiċi **mal-prinċipji, ir-regoli**, l-istandards, il-politika u l-prattika tal-Unjoni.

Emenda 3 Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Islanda, il-Montenegro, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja **u** t-Turkija. Barra minn hekk, ikkonferma l-perspettiva Ewropea għall-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, **is-Serbja kif ukoll il-Kosovo**, li huma kkunsidrati bħala kandidati potenzjali.

Emenda

(6) Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Islanda, il-Montenegro, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-Turkija **u, l-aktar riċenti, is-Serbja**. Barra minn hekk, ikkonferma l-perspettiva Ewropea għall-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, **u l-Kosovo**, li huma kkunsidrati bħala kandidati potenzjali.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u fis-Sħubiji Ewropej jew ta' Adezzjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni. Għandha wkoll ittejjeb l-

Emenda

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u fis-Sħubiji Ewropej jew ta' Adezzjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni. Għandha wkoll ittejjeb l-

iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament *progressiv* mal-kriterji ta' Kopenhagen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li saru fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament *sħiħ* mal-kriterji ta' Kopenhagen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li saru fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Huwa fl-interess tal-Unjoni li *tassisti pajjiżi* benefiċjarji *fl-isforzi* tagħhom biex jirrifirmaw is-sistemi tagħhom *sabiex jiġu allinjati* ma' dawk tal-Unjoni. Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan il-għan.

Emenda

(13) Huwa fl-interess tal-Unjoni li *tikkopera mal-pajjiżi* benefiċjarji *waqt l-implimentazzjoni tal-assistenza skont dan ir-Regolament sabiex tappoġġa l-isforzi* tagħhom biex jirrifirmaw is-sistemi tagħhom *u jallinjawhom* ma' dawk tal-Unjoni Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan il-għan.

Ġustifikazzjoni

L-użu kif suppost tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni hu kundizzjoni preliminari biex tirnexxi. Hu għalhekk fl-interess tal-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll fl-interess tal-UE li jikkoperaw mill-qrib matul il-proċess sħiħ tal-implimentazzjoni tal-assistenza.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa kif ukoll *il-promozzjoni* ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

Emenda

(ii) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi ***u tal-libertà reliġjuża*** u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa, ***tal-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-internet*** kif ukoll *il-promozzjoni* ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – subpunt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ***d-djalogu*** soċjali;

Emenda

(v) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ***t-tnedija u t-tisħiħ tad-djalogu*** soċjali;

Emenda 8 Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tar-riformi ekonomiċi neċessarji biex jilqgħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, filwaqt li jsegwu miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

Emenda

(ii) tar-riformi ekonomiċi ***u fiskali fl-oqsma ta', inter alia, il-protezzjoni tal-investimenti, il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku u r-regoli sanitarji u fitosanitarji***, neċessarji biex jilqgħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, filwaqt li jsegwu miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

Ġustifikazzjoni

L-elementi kruċjali biex tiżdied il-kompetittività tal-ekonomiji tal-istati benefiċjarji huma l-protezzjoni xierqa tal-investimenti, il-leġiżlazzjoni effikaċi u trasparenti dwar il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku, kif ukoll l-approssimazzjoni konsegwenti mar-regoli sanitarji u fitosanitarji tal-UE. L-appoġġ tal-UE f'dan ir-rigward hu għaldaqstant strumentali.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt ii a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) fejn applikabbli, tal-assistenza mmirata biex il-pajjiżi benefiċjarji jkunu jistgħu jsiru membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

Ġustifikazzjoni

Għalissa, tlieta mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent (is-Serbja, il-Bosnja u Herzegovina u l-Montenegro) għandhom status ta' osservaturi fid-WTO. Hu tal-ogħla importanza li dawn il-pajjiżi jitħeġġu jsiru membri tad-WTO u li jingħataw l-assistenza meħtieġa f'dan ir-rigward.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii) tat-trawwim tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapital uman;

(iii) **tal-ġlieda kontra l-qgħad**, tat-trawwim tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapital uman;

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – subpunt v

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(v). tal-iżvilupp tal-kapital fiżiku, **it-tiġib** tal-konnessjonijiet mal-Unjoni u n-netwerks reġjonali.

(v). tal-iżvilupp tal-kapital fiżiku, **b'mod speċjali l-infrastruttura tat-trasport, u t-tiġib** tal-konnessjonijiet mal-Unjoni u n-netwerks reġjonali.

Ġustifikazzjoni

Infrastruttura tat-trasport xierqa hi kundizzjoni bażika għall-iżvilupp ekonomiku. Ir-Rapporteur għalhekk iqis li hemm bżonn li dan l-element tal-kapital fiżiku jiġi enfasizzat.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) It-tisħiħ tal-abbiltà tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija billi jappoġġaw l-allinjament progressiv ma' u l-adozzjoni, implimentazzjoni u infurzar tal-acquis communautaire, tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, u għall-iżvilupp agrikolu u l-politiki tal-Unjoni.

Emenda

(c) It-tisħiħ tal-abbiltà, **u b'mod partikulari l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva**, tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija billi jappoġġaw l-allinjament progressiv mal-acquis communautaire u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu, tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, u għall-iżvilupp agrikolu u l-politiki tal-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji li jwettqu r-riformi meħtieġa biex jissodisfaw il-kriterji ta' adeżjoni teħtieġ tissaħħaħ u tiġi appoġġata. Għalhekk hu importanti li l-assistenza tal-UE tiġi indirizzata lejn it-tisħiħ ta' din il-kapaċità.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Progress fir-riforma ekonomika; is-solidità u l-effettività tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż permezz tal-investimenti pubbliċi appoġġjati mill-IPA;

Emenda

– Progress fir-riforma ekonomika; is-solidità u l-effettività tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż permezz tal-investimenti pubbliċi appoġġjati mill-IPA; **progress lejn il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għan-negozju;**

Ġustifikazzjoni

Wieħed mill-objettivi kruċjali tar-riformi ekonomiċi hu l-ħolqien ta' ambjent prevedibbli, trasparenti u ġust għall-kummerċ. Għaldaqstant hemm bżonn li l-iżvilupp f'dan il-qasam jiġi speċifikat fost l-indikaturi tal-progress biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-iżvilupp ekonomiku u l-koperazzjoni fil-kummerċ;

Ġustifikazzjoni

Wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-assistenza prevista skont ir-Regolament dwar l-IPA II hu l-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali bil-ħsieb li jkun hemm żvilupp intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Madankollu, l-Artikolu 3 tal-proposta tal-Kummissjoni ma jsemmix l-iżvilupp ekonomiku u l-koperazzjoni fil-kummerċ fost l-oqsma ta' politika indirizzati mill-assistenza. Ir-Rapporteur iqis li din hi diskrepanza interna kbira tal-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk jipproponi li l-iżvilupp ekonomiku u l-koperazzjoni fil-kummerċ jiddaħħlu fost l-oqsma ta' politika koperti mill-assistenza.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) it-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-IPA;

(b) it-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-IPA **u r-riżultati mistennija tagħhom;**

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-prinċipju ta' kondizzjonalità, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għandha tkun orjentata lejn il-ksib ta' riżultati. Hu għalhekk importanti li jiġu spjegati r-riżultati li hu mistenni li jiksibu l-pajjiżi benefiċjarji.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Fil-każ li r-rieżami ta' nofs it-terminu ta' dokument ta' strateġija partikolari jstabilixxi li l-fondi allokat għal qasam ta' politika ma jkunux qed jintużaw, jista' jiġi allokat mill-ġdid massimu ta' 20 % ta' dawk il-fondi għal qasam ta' politika differenti.

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li l-allokkazzjoni tkun flessibbli sabiex isir użu aħjar tal-fondi u tingħata motivazzjoni biex l-assistenza tintuża b'mod xieraq. Ir-Rapporteur għalhekk jipproponi l-possibbiltà li l-fondi għal oqsma ta' politika individwali jiġu riallokati abbażi tar-rieżami ta' nofs it-terminu tad-dokumenti ta' strateġija.

PROCĊEDURA

Titolu	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
Referenzi	COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Iuliu Winkler 29.2.2012
Eżami fil-kumitat	30.5.2012
Data tal-adozzjoni	21.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 2 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikiene, John Attard-Montalto, Maria Badia i Cutchet, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Marielle de Sarnez, Harlem Désir, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Gianluca Susta, Iuliu Winkler, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, George Sabin Cutaş, Syed Kamall, Elisabeth Köstinger, Marietje Schaake, Konrad Szymański, Jarosław Leszek Wałęsa, Pablo Zalba Bidegain
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Philip Claeys, Marielle Gallo

25.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
(COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Nadezhda Neynsky

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-preservazzjoni tal-istatus quo fit-tfassil u fl-obiettivi tal-programm iżżomm baġit għall-IPA ta' daqs li jista' jitqabbel ma' dak tal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF) attwali. Dan kieku jipprovdni bilanċ delikat bejn il-progress biex jintlaħqu l-Kriterji għall-Adeżjoni waqt li jiġi appoġġat l-iżvilupp soċjoekonomiku fil-pajjiżi benefiċjarji.

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi żieda ta' 7.3 % għall-MFF li jmiss (minn EUR 11 668 biljun fil-perjodu 2007-2013 għal EUR 12 520 biljun fil-perjodu 2014-2020 fi prezzijiet kostanti tal-2011) fl-appoġġ globali għall-pajjiżi fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni fi ħdan l-IPA. 3 % ta' dan il-finanzjament ġie riżervat għall-koperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi benefiċjarji u 2 % ġie allokat għall-programm "Erasmus għal Kulħadd".

Ir-Rapporteur tixtieq tħeġġeġ lill-Kummissjoni tippjana li, f'termini reali, ma jkunx hemm tnaqqis tal-finanzjament globali għal kull benefiċjarju, waqt li tqis il-punti li ġejjin:

- It-tkabbir kumulattiv reali tal-PDG ta' kull pajjiż benefiċjarju għall-perjodu 2007-2013, apparti l-Kroazja, ivarja bejn 10 % u 30 % fi tmiem il-perjodu¹. Waqt li l-finanzjament per capita jista' jkun indikatur affidabbli għal raġunijiet differenti, għandna nużaw ukoll il-makroindikaturi dwar l-appoġġ totali meta mqabbel mal-PDG ta' kull benefiċjarju sabiex jitqiesu kompletament il-valur miżjud u l-esternalitajiet pożittivi li jmorru lil hinn mil-limiti tal-finanzjamenti tal-UE. F'dan il-kuntest, hekk kif il-benefiċjarji jgħolqu u jorqmu l-prinċipji universali meħtieġa li huma muturi b'saħħithom għall-benessri ekonomiku, tista' tidher bħala xi ħaġa raġonevoli li nċaqalqu l-attenzjoni mill-indikaturi per capita għal indikaturi gross biex naqdbu l-

¹ Stimmi proprji, abbażi taċ-ċifri u t-tbassir tad-DĠ Baġit għall-pajjiżi kandidati; barra minn hekk, tbassir tat-tkabbir reali tal-kandidati potenzjali abbażi ta' rapporti minn entità tat-tbassir indipendenti.

bidliet sistemiċi u kwalitattivi. F'dak ir-rigward, ir-Rapporteur qed tissuġġerixxi li t-tkabbir reali tal-finanzjament għal kull benefiċjarju, f'termini numeriċi, m'għandu jkun xejn anqas mit-tkabbir reali kumulattiv tal-PDG fuq perjodi ta' żmien korrispondenti.

- L-għadd ta' pajjiżi b'aċċess għall-finanzjament tal-Istrument futur jonqos għal tmienja bl-adeżjoni tal-Kroazja, li potenzjalment ibiddel it-tqassim komparattiv fi ħdan il-provvista ta' fondi u - mill-prospettiva tal-benefiċjarji - jiffavorixxi l-aċċess tagħhom għall-fondi. Ir-Rapporteur tħeġġeġ biex dan ma jwassalx għal deterjorament tal-istandards meta l-użu tal-fondi tal-UE bħala kompetizzjoni fost il-benefiċjarji isir relattivament aktar modest. Kieku kellna nħarsu lejn kejl li jsegwi l-bidliet tal-fondi disponibbli u li espliċitament jeskludi lill-Kroazja mill-provvista ta' fondi, iż-żieda reali ta' fondi fuq perjodi ta' żmien korrispondenti tkun eqreb l-20 %¹.
- Bil-bidliet issuġġeriti għall-Istrument il-ġdid, il-benefiċjarji kollha jkollhom aċċess għall-finanzjament fl-oqsma ta' politika li jiffokaw fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku li qabel ma kienx aċċessibbli għall-pajjiżi mingħajr status ta' kandidati. Naturalment, dan johlq aktar kompetizzjoni għall-finanzjament fl-oqsma ta' politika msemmija li potenzjalment tbiddel ukoll il-livell ta' aċċess għal dawn il-fondi għal uħud minn dawn il-benefiċjarji.
- Bħala riżultat tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali mtejba tal-benefiċjarji b'segwitu għar-riżultati pożittivi rikonoxxuti tal-finanzjament tal-IPA I, hu probabbli li l-pajjiżi jkunu jistgħu jibdew jassorbu l-finanzjament b'rata ogħla, li jista' jirriżulta f'aktar domanda għall-fondi u f'konċentrazzjoni ta' fondi antiċipati fl-ewwel snin tal-perjodu li jmiss.

F'dak il-kuntest, ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-ebda benefiċjarju ma jiġi prekluż minn aċċess suffiċjenti u ġust fil-kuntest ta' provvista limitata ta' riżorsi tal-UE, speċjalment fil-qasam tal-politika tal-bini tal-istituzzjonijiet.

Dgħufijiet tal-proposta attwali:

Għalkemm il-miżuri proposti se jrin fid-direzzjoni t-tajba biex ir-riżorsi tal-IPA jsiru aktar sempliċi, flessibbli u effiċjenti, ir-Rapporteur hi tal-opinjoni li diversi aspetti tal-proposta leġiżlattiva ma għewx indirizzati b'mod sodisfaċenti u joħolqu tħassib:

- Waqt li l-memorandum ta' spjegazzjoni jissuġġerixxi li riżerva għall-prestazzjoni tintlaqa' tajjeb u li għandhom jingħataw inċentivi għall-prestazzjoni, ma ġie pprovdut l-ebda test leġiżlattiv biex jintroduċi din l-idea. Ir-Rapporteur qed tintroduċi test ta' dan it-tip bil-ħsieb li tiġi stabbilita taħt l-iskrutinju sħiħ tal-awtorità baġitarja li jkun jiżgura biżżejjed involviment tal-Parlament Ewropew fit-tħeġġiġ u t-tqanqil tal-progress fil-pajjiżi benefiċjarji. Waqt li r-Rapporteur hi tal-opinjoni li l-inċentivi għall-prestazzjoni fi ħdan l-appoġġ settorjali għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi ċari u speċifiċi, jista' jkun li ma jkunx daqstant faċli biex jitkejjel is-suċċess tal-appoġġ baġitarju ġenerali.
- L-integrazzjoni fil-politiki u l-azzjonijiet predominanti tal-għanijiet tal-politiki interni tal-UE għandha tixxeblek b'attenzjoni mal-politika tat-tkabbir sabiex tirrifletti l-fatt li l-appoġġ baġitarju mmirat johlq benefiċċi fit-tul, reċiproċi u li jsaħħu lil xulxin. Ir-

¹ Il-fondi tal-IPA fil-perjodu 2007-2013 għat-tmien benefiċjarji attwali u futuri (i.e. mingħajr il-Kroazja) jiġu EUR 10 547 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2011.

Rapporteur tissuġġerixxi li l-punt fokali ta' din l-integrazzjoni għandu jitqiegħed b'mod predominanti fuq l-oġġettivi tal-Aġenda Ewropa 2020, li wħud minnhom jistgħu jipprevedu wkoll l-integrazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-impreditorjat, id-drittijiet tal-bniedem u l-ħarsien tal-ambjent fil-politiki u l-azzjonijiet predominanti.

- Ir-Rapporteur hi tal-opinjoni li d-definizzjoni tal-oġġettivi u l-kriterji għandha tkun soġġetta għal indikaturi ċari, speċifiċi u trasparenti. Barra minn hekk, ir-Rapporteur qed tissuġġerixxi li anke l-kapaċità istituzzjonali u l-kapaċità ta' assorbiment, l-istabilità fiskali u l-governanza ekonomika jiġu inklużi fil-ġabra ta' oġġettivi u kriterji.
- Ir-Rapporteur tissuġġerixxi li operattivament niżguraw li jkun hemm aktar konsistenza, koordinament u sinerġiji bejn il-finanzjament intern u estern disponibbli għall-benefiċjarji tal-IPA. F'dak il-kuntest, waqt li nirrikonoxxu l-benefiċċji li jirriżultaw mill-influwenza finanzjarja li tirriżulta mill-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi, bħall-massimizzar tal-vijabilità tal-proġetti billi l-fondi u l-kompetenzi jinġabru flimkien, għandna nirrikonoxxu wkoll li l-użu tal-fondi tal-UE għandu jkun dejjem konformi mal-aħjar prattiki u r-regoli kif stipulati fir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u li dan ma jistax jiġi ffissat sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020;

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1b (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva¹; itenni li huma meħtieġa biżżejjed riżorsi addizzjonali fl-MFF li jmiss biex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u l-kompiti l-ġodda provduti fit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti; jirrimarka li anke b'żieda ta' mill-inqas 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-QFM li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-obiettivi u l-impenji miftiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni; jisfida lill-Kunsill,

jekk ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, biex jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitwarrbu kompletament, minkejja l-valur miżjud Ewropew ippruvat tagħhom;

¹ *Testi adottati, P7_TA(2011)0266.*

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Dan ir-Regolament għandu jstabbilixxi, għaż-żmien kollu li jidm fis-seħħ l-istrument, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt [...] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-XX/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit fir-rigward ta' ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) It-titjib tal-implimentazzjoni u tal-kwalità tal-infiq għandu jikkostitwixxi prinċipju gwida biex jinkisbu l-oġettivi tal-Istrument, filwaqt li jiġi żgurat l-użu ottimali tar-riżorsi finanzjarji.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(-1b) Huwa importanti li jiġu żgurati l-
ġestjoni finanzjarja soda tal-Istrument u
l-implimentazzjoni tiegħu b'mod li jkun
kemm jista' jkun effikaċi u faċli biex
jintuża, filwaqt li jiġu żgurati wkoll iċ-
ċertezza legali u l-aċċessibilità tal-
Istrument għall-parteciċipanti kollha.**

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa l-kriterji għas-sħubija miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen f'Ġunju 1993 u sakemm l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri ġodda. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-iżvilupp tal-ekonomija li trid tkun biżżejjed biex tiflaħ għall-pressjoni kompetittiva fis-suq intern, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi taħt it-Trattati.

(4) Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa l-kriterji għas-sħubija miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen f'Ġunju 1993 u sakemm l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri ġodda. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi, l-iżvilupp tal-ekonomija li trid tkun biżżejjed biex tiflaħ għall-pressjoni kompetittiva fis-suq intern, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi taħt it-Trattati. **L-ambitu tal-kriterji jista' jiġi estiż ulterjorment sabiex jinkludi l-istabbiltà fiskali u l-aktar attenzjoni li l-Unjoni qed tagħti lill-governanza ekonomika.**

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li l-importanza sistemika tal-istabbiltà fiskali nazzjonali u l-aktar attenzjoni li l-UE qed tagħti lill-governanza ekonomika fi ħdan l-oqsma tal-leġislażzjoni Ewropea jiġu

riflessi fl-Istrateġija għat-Tkabbir sabiex jirriflettu l-politiki interni.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u fis-Sħubiji Ewropej jew ta' Adeżjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd *limitat* ta' oqsma ta' politika li se *tgħin* lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, *ir-riforma tal-ġudikatura* u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni. Għandha wkoll ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhaġen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li *saru* fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

Emenda

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u fis-Sħubiji Ewropej jew ta' Adeżjoni, *u li jkun jikkorrispondi għall-azzjonijiet previsti fil-Qafas Strateġiku Komuni u r-rapporti ta' strateġija*. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd *komprensiv* ta' oqsma ta' politika li se *jgħinu* lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu *l-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tagħhom, jibnu* l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, *isaħħu* l-*ġudikatura* u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni. Għandha wkoll ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhaġen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li *sar* fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa *u ssir dipendenti fuq il-konformità ma' indikaturi tal-prestazzjoni ċari, speċifiċi u trasparenti*.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jeħtieġ ikunu ppreparati aħjar sabiex jirreżistu sfidi globali, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. Assistenza mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi wkoll għall-għan li żżid il-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%.

Emenda

(9) Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jeħtieġ ikunu ppreparati aħjar sabiex jirreżistu sfidi globali, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. Assistenza mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi wkoll ***biex il-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-impreditorjat, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-protezzjoni tal-ambjent u*** għall-għan li żżid il-proporzjonu l-għan li l-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Fir-rigward tal-appoġġ għal miżuri ta' rikonċiljazzjoni, bini tal-paċi u tal-fiduċja, ir-restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' kunflitt għandu jitwettaq, b'kunsiderazzjoni għar-rwol li dan għandu fil-bini tal-fiduċja u l-inklussività bejn komunitajiet etniċi u reliġjużi differenti.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw **konformità**, koerenza u komplementarjetà tal-assistenza tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza.

Emenda

(10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw **konsistenza**, koerenza u komplementarjetà tal-assistenza tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza. **Barra minn hekk, għandha tiġi ggarantita l-koerenza bejn l-assistenza li jipprovdu l-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investment u fornituri internazzjonali, lokali u reġjonali oħrajn.**

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-għanijiet tal-assistenza għandhom jiġu definiti fid-dokumenti ta' strateġija indikattivi ta' pajjiżi individwali u ta' diversi pajjiżi flimkien stabbiliti mill-Kummissjoni għal perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-aġenda ta' tkabbir. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jidentifikaw l-oqsma ta' politika għall-assistenza u, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Awtorità Baġitarja, jistabbilixxu l-allokkazzjonijiet indikattivi ta' fondi għal kull qasam ta' politika, imqassma għal kull sena inkluż stima tannefqa relatata mal-klima. Għandu jkun hemm flessibilità suffiċjenti li tilqa' għall-ħtiġijiet emerġenti u li tagħti inċentivi għat-titjib tal-prestazzjoni. Id-dokumenti tal-istrateġija għandhom jiżguraw koerenza

Emenda

(12) L-għanijiet tal-assistenza għandhom jiġu definiti fid-dokumenti ta' strateġija indikattivi ta' pajjiżi individwali u ta' diversi pajjiżi flimkien stabbiliti mill-Kummissjoni għal perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-aġenda ta' tkabbir. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jidentifikaw l-oqsma ta' politika għall-assistenza u, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Awtorità Baġitarja, jistabbilixxu l-allokkazzjonijiet indikattivi ta' fondi għal kull qasam ta' politika, imqassma għal kull sena inkluż stima tannefqa relatata mal-klima. **Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiprovdu wkoll lista ta' indikaturi ta' prestazzjoni ċari, speċifiċi, oġġettivi u trasparenti.** Għandu jkun hemm flessibilità suffiċjenti li tilqa'

u konsistenza mal-isforzi tal-pajjiżi benefiċjarji kif rifless fil-baġit nazzjonali tagħhom u għandhom iqisu l-appoġġ ipprovdut minn donaturi oħra. Sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-iżviluppi interni u esterni, id-dokumenti ta' strateġija indikattiva multiannwali għandhom jiġu riveduti *kif xieraq*.

għall-ħtiġijiet emerġenti u li tagħti inċentivi għat-titjib tal-prestazzjoni. Id-dokumenti tal-istrateġija għandhom jiżguraw koerenza u konsistenza mal-isforzi tal-pajjiżi benefiċjarji kif rifless fil-baġit nazzjonali tagħhom u għandhom iqisu l-appoġġ ipprovdut minn donaturi oħra. Sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-iżviluppi interni u esterni, id-dokumenti ta' strateġija indikattiva multiannwali għandhom jiġu riveduti *f'nofs it-terminu u f'kull waqt ieħor meta reviżjoni ta' dan it-tip tkun xierqa*.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jitħeġġu jissempifikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam, filwaqt li jiżguraw ġestjoni finanzjarja soda u, sabiex b'hekk benefiċjarji potenzjali jkollhom aċċess eħfef għall-finanzjamenti tal-Unjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) L-assistenza għandha tkompli tuża l-istrutturi u l-istrumenti li *ġew ipprovati tajbin* fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni mill-Kummissjoni għal ġestjoni deċentralizzata *ddelegata* lill-pajjiżi benefiċjarji għandha tkun *progressiva u konformi mal-kapaċitajiet ta'* kull pajjiż benefiċjarju.

(17) L-assistenza għandha tkompli tuża l-istrutturi u l-istrumenti li *taw riżultati pożittivi rikonoxxuti* fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni mill-Kummissjoni għal ġestjoni deċentralizzata, *b'approvazzjoni ex ante u kontroll ex post, iddelegata* lill-pajjiżi benefiċjarji għandha tkun *konformi mar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*

dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (minn hawn "ir-regoli finanzjarji") u għandha tqis l-iżvilupp tal-kapaċità ta' assorbiment u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet għal kull pajjiż benefiċjarju.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Sabiex jinkiseb l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u tad-djalogu soċjali kif ukoll l-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari dik tal-minoranzi u ta' gruppi vulnerabbli, għandhom jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-parteciċipazzjoni minn atturi mhux tal-istat fi programmi ta' appoġġ.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) Meta pajjiż benefiċjarju jikser il-prinċipji li l-Unjoni hija mibnija fuqhom, jew ma jirrispettax l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew ma jagħmilx biżżejjed progress fir-rigward tal-kriterji tal-adeżjoni, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jkun jista' jieħu l-miżuri xierqa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni.

(20) Meta pajjiż benefiċjarju jikser il-prinċipji li l-Unjoni hija mibnija fuqhom, jew ma jirrispettax l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew ma jagħmilx biżżejjed progress fir-rigward tal-kriterji tal-adeżjoni, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jkun jista' jieħu l-miżuri xierqa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni. ***Il-Parlament Ewropew għandu jkun informat kif dovut dwar dawk il-miżuri.***

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-assistenza taħt dan ir-Regolament issegwi l-għanijiet speċifiċi li ġejjin skont il-ħtiġijiet ta' kull pajjiż benefiċjarju u l-aġenda individwali ta' tkabbir tagħhom:

(a) Appoġġ għar-riformi politiċi, inter alia:

(i) it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, inkluż l-implimentazzjoni tagħhom;

(ii) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

(iii) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

(iv) ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u l-governanza tajba;

(v) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u d-djalogu soċjali;

(vi) ir-rikonċiljazzjoni, il-miżuri tal-bini tal-paċi u l-bini *tal-kunfidenza*.

(b) Appoġġ ***għall-iżvilupp u r-riformi ekonomiċi***, soċjali u ***territorjali***, li jimmiraw għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, fost affarijiet oħra permezz:

(i) tal-kisba ta' standards tal-Unjoni fl-ekonomija u l-governanza ekonomika;

(ii) tar-riformi ekonomiċi neċessarji biex

Emenda

1. L-assistenza taħt dan ir-Regolament issegwi l-għanijiet speċifiċi li ġejjin skont il-ħtiġijiet ta' kull pajjiż benefiċjarju u l-aġenda individwali ta' tkabbir tagħhom:

(a) Appoġġ għar-riformi politiċi, inter alia:

(i) it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, inkluż l-implimentazzjoni tagħhom; ***l-involvement tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' dan il-proċess;***

(ii) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

(iii) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

(iv) ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u l-governanza tajba;

(v) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u d-djalogu soċjali;

(vi) ir-rikonċiljazzjoni, il-miżuri tal-bini tal-paċi u l-bini *tal-fiduċja*.

(b) Appoġġ ***għall-koeżjoni territorjali ekonomika u*** soċjali u ***tal-iżvilupp***, li jimmiraw għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, fost affarijiet oħra permezz:

(i) tal-kisba ta' standards tal-Unjoni fl-ekonomija u l-governanza ekonomika, ***inkluża l-istabbiltà fiskali;***

(ii) tar-riformi ekonomiċi neċessarji biex

jilqgħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, filwaqt li jsegwu miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(iii) tat-trawwim tal-impjegi u l-iżvilupp tal-kapital uman;

(iv) tal-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli;

(v) tal-iżvilupp tal-kapital fiżiku, it-titjib tal-konnessjonijiet mal-Unjoni u n-netwerks reġjonali.

(c) It-tisħiħ tal-abbiltà tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija billi jappoġġaw l-allinjament progressiv *ma'* u l-adozzjoni, *implimentazzjoni u infurzar tal-acquis communautaire, tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, u għall-iżvilupp agrikolu u l-politiki tal-Unjoni.*

(d) Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali li jinvolve pajjiżi benefiċjarji, l-Istati Membri tal-UE u, fejn xieraq, pajjiżi terzi fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat.

jilqgħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, filwaqt li jsegwu miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(iii) tat-trawwim tal-impjegi u l-iżvilupp tal-kapital uman;

(iv) tal-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli;

(v) tal-iżvilupp tal-kapital fiżiku, it-titjib tal-konnessjonijiet mal-Unjoni u n-netwerks reġjonali.

(c) It-tisħiħ tal-abbiltà tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija billi jappoġġaw l-allinjament progressiv *mal-acquis communautaire* u l-adozzjoni *u l-implimentazzjoni tiegħu, il-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni u l-kisba tal-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.*

(d) Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali li jinvolve pajjiżi benefiċjarji, l-Istati Membri tal-UE u, fejn xieraq, pajjiżi terzi fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru [...] li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat, *kif ukoll strateġiji makroreġjonali.*

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li l-importanza sistemika tal-istabbiltà fiskali nazzjonali u l-aktar attenzjoni li l-UE qed tagħti lill-governanza ekonomika fi ħdan l-oqsma tal-leġiżlazzjoni Ewropea jiġu riflessi fl-Istrateġija għat-Tkabbir sabiex jirriflettu l-politiki interni. L-istess raġunament japplika għall-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u inizjattivi oħra.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandu jiġi evalwat permezz ta' indikaturi li jkopru

Emenda

2. Il-progress lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandu jiġi evalwat permezz ta' indikaturi

inter alia:

- Progress fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, is-sistema tal-ġustizzja u l-livell tal-kapaċità amministrattiva;
- Progress fir-riformi ekonomiċi; is-solidità u l-effettività tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż permezz tal-investimenti pubbliċi appoġġjati mill-IPA;
- Il-korp ta' leġislazzjoni allinjat mal-acquis; progress f'riforma istituzzjonali relatata mal-Unjoni, inkluż tranżizzjoni għal ġestjoni ċentralizzata tal-assistenza provduta taħt dan ir-Regolament;
- Ir-rilevanza ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali u territorjali u l-evoluzzjoni tal-flussi tal-kummerċ.

L-indikaturi għandhom **ikunu użati** għal monitoraġġ, evalwazzjoni u **reviżjoni** tal-prestazzjoni, kif xieraq.

kwalitattivi u kwantitattivi li jkopru inter alia:

- Progress fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, is-sistema tal-ġustizzja u l-livell tal-kapaċità amministrattiva **u ta' assorbiment**;
- Progress fir-riformi ekonomiċi **u fiskali, li jindirizzaw kwalunkwe żbilanċ fiskali**; is-solidità u l-effettività tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż permezz tal-investimenti pubbliċi appoġġjati mill-IPA;
- Il-korp ta' leġislazzjoni allinjat mal-acquis; progress f'riforma istituzzjonali relatata mal-Unjoni, inkluż tranżizzjoni għal ġestjoni ċentralizzata tal-assistenza provduta taħt dan ir-Regolament;
- Ir-rilevanza ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali u territorjali u l-evoluzzjoni tal-flussi tal-kummerċ.

L-indikaturi **kwantitattivi u kwalitattivi inklużi fid-dokumenti ta' strateġija** għandhom **jintużaw** għal monitoraġġ, evalwazzjoni u **rieżami** tal-prestazzjoni, kif xieraq.

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li l-importanza sistemika tal-istabbiltà fiskali nazzjonali u l-aktar attenzjoni li l-UE qed tagħti lill-governanza ekonomika fi ħdan l-oqsma tal-leġislazzjoni Ewropea jiġu riflessi fl-Istrateġija għat-Tkabbir sabiex jirriflettu l-politiki interni. Dan għandu jsir permezz ta' indikaturi ċari, ġusti u speċifiċi.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-

adeżjoni għandha tissaħħaħ u ssir dipendenti fuq il-konformità ma' indikaturi tal-prestazzjoni çari, speċifiċi u trasparenti.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-bini tal-paċi u prevenzjoni tal-konflitti

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Konformità, koerenza u kumplimentarjetà

Konsistenza, koerenza u komplementarjetà

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni tal-programmi rispettivi ta' assistenza tagħhom bl-għan li tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza fl-għoti ta' assistenza u biex jiġi evitat finanzjament doppju f'konformità **mal-prinċipji stabbiliti** għat-tishiĥ tal-koordinazzjoni operattiva fil-qasam tal-assistenza esterna, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri. Il-koordinazzjoni tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taç-ċiklu ta' assistenza, b'mod

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni tal-programmi rispettivi ta' assistenza tagħhom bl-għan li tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza fl-għoti ta' assistenza u biex jiġi evitat finanzjament doppju f'konformità **mal-aħjar Prattiki** għat-tishiĥ tal-koordinazzjoni operattiva fil-qasam tal-assistenza esterna, u għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri. Il-koordinazzjoni tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taç-ċiklu ta' assistenza, b'mod

partikolari fuq il-post u tkun pass fundamentali fil-proċessi ta' programmazzjoni tal-Istati Membri u l-Unjoni.

partikolari fuq il-post u tkun pass fundamentali fil-proċessi ta' programmazzjoni tal-Istati Membri u l-Unjoni.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Sabiex tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza fl-għoti tal-assistenza u sabiex jiġi evitat il-finanzjament doppju, il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiegħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura koordinazzjoni, u kumplimentarjetà aħjar mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet multilaterali u reġjonali, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, u donaturi mhux mill-Unjoni.

Emenda

4. Sabiex tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza fl-għoti tal-assistenza u sabiex jiġi evitat il-finanzjament doppju, il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiegħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura koordinazzjoni, u kumplimentarjetà aħjar mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet multilaterali u reġjonali, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ***inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment***, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, u donaturi mhux mill-Unjoni. ***F'dak ir-rigward il-kooordinazzjoni tal-għajnuna għandha tkun stabbilita fuq livell nazzjonali (komplimentari għal inizjattivi oħra marbuta ma' donaturi minn pajjiżi differenti), bi rwoli u responsabilitajiet stabbiliti ċari. Kemm id-donaturi u l-benefiċjarji għandhom jieħdu sehem xieraq f'dan it-tip ta' koordinazzjoni, u għandhom jiġu mfittxija s-sjieda tal-benefiċjarji u l-obbligu tar-rendikont tagħhom fuq il-bażi tal-kapaċità amministrattiva tagħhom, filwaqt li jiġiqies li l-pajjiżi benefiċjarji għandhom ikunu sħab ugwali fi djalogi marbuta mal-ghajnuina..***

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-Kummissjoni għandha tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli billi tuża l-effett ta' influwenza li jafu jqanqlu l-istrumenti finanzjarji Tali effett jista' jiżdied permezz tal-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi investiti u ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji. Il-koperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-aċċess għall-fondi tal-Unjoni għandha tkun immirata biex timmassimizza r-raggruppament tar-riżorsi biex jintlaħqu l-oġġettivi politiki tal-Unjoni, l-istandards u l-viżibilità, filwaqt li tiżgura li l-użu tal-fondi tal-Unjoni dejjem jikkonforma mal-aħjar prattiki u r-regoli kif stipulati fir-regoli finanzjarji u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Meta tipprepara, timplimenta u tissorvelja l-ġħajnuna taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni fil-prinċipju taġixxi fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kompetenti, sħab ekonomiċi u soċjali, soċjetà ċivili u atturi mhux statali.

5. Meta tipprepara, timplimenta u tissorvelja l-ġħajnuna taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni fil-prinċipju taġixxi fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, kif xieraq, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kompetenti, sħab ekonomiċi u soċjali, soċjetà ċivili u atturi mhux statali. **Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kriterji ta' eliġibilità għall-parteeipazzjoni ta' awtoritajiet reġjonali u lokali u s-soċjetà ċivili fil-programmi ta' finanzjament, u għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda ostaklu amministrattiv**

għall-involviment tagħhom. Sabiex tiġi faċilitata l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tisħiħ tal-kapaċitajiet innovattivi ta' atturi bbażati fuq il-komunità u awtoritajiet reġjonali u lokali bil-għan li jingħataw s-setgħa li jipprovdu servizzi bażiċi f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali, l-akkwist pubbliku u s-sigurtà.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA jinkludi fost affarijiet oħra:

(a) il-kriterji li jintużaw għall-allokazzjoni tal-fondi lill-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll għal azzjonijiet ta' kooperazzjoni *ta' ħafna* pajjiżi u territorjali;

(b) it-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-IPA;

(c) il-linjigwida komuni għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-IPA.

2. Il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA jinkludi fost affarijiet oħra:

(a) il-kriterji li jintużaw għall-allokazzjoni tal-fondi lill-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll għal azzjonijiet ta' kooperazzjoni *bejn diversi* pajjiżi u ***l-kooperazzjoni*** territorjali, ***kif speċifikat fl-Artikolu 2(1)***;

(b) it-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-IPA;

(c) il-linjigwida komuni għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-IPA;

(ca) kriterji għar-riallokazzjoni ta' fondi fuq proġetti, setturi u oqsma ta' politika;

(cb) kriterji għall-użu tar-Riżerva għall-Prestazzjoni, kif speċifikat fl-Artikolu 13a.

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn li l-Qafas Komuni tal-IPA jipprevedi l-kriterji kollha li għandhom jintużaw fil-proċess ta' finanzjament, kemm jekk ikunu qed jiġu assenjati mill-ġdid il-fondi fil-baġit ta' tbassir u kemm jekk ikun qed jiżdied l-appoġġ baġitarju.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dokumenti ta' strateġija jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-UE għal kull qasam ta' politika, kif applikabbli, imqassma skont is-sena, b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5. L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tiegħu kont ta' ħtiġijiet, kapaċità ta' assorbiment u tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji. Għandha tippermetti wkoll l-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti u tinkludi inċentivi sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija indikattiva multiannwali.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-dokumenti ta' strateġija jiġu *riveduti* f'nofs it-terminu u jiġu riveduti ***kif xieraq, Dawn jistgħu jiġu riveduti f'kull ħin*** fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Emenda

3. Id-dokumenti ta' strateġija jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-UE għal kull qasam ta' politika, kif applikabbli, imqassma skont is-sena, b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5. L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tiegħu kont ta' ħtiġijiet, kapaċità ta' assorbiment u tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji, ***kif ukoll il-kontribuzzjoni tagħhom għall-obiettivi tal-istrateġija Ewropa 2020***. Għandha tippermetti wkoll l-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti u tinkludi inċentivi sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija indikattiva multiannwali.

Emenda

4. Id-dokumenti ta' strateġija jiġu *rieżaminati* f'nofs it-terminu, ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017*** u jiġu riveduti fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni ***meta jkun xieraq, fil-każ ta' ħtieġa emerġenti jew sabiex jitqiesu żviluppi interni u esterni***.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Kull meta jitbassru miżuri interstrumentali, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu evitati elementi doppji fil-finanzjament mill-IPA, strumenti oħra għall-azzjoni esterna jew programmi u miżuri oħra tal-Unjoni, li jinħolqu sinerġiji u li jingħata l-aħjar valur meta mqabbel man-nefqa.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar sospensjoni tal-għajnuna fi ftehimiet ta' partenarjat u kooperazzjoni mal-pajjiżi u r-reġjuni sħab, fejn pajjiż benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi u l-libertajiet fundamentali, jew l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew fejn il-progress lejn it-twettiq tal-kriterji tas-sħubija huwa insuffiċjenti, l-Unjoni tistieden lill-pajjiż benefiċjarju biex jagħmel konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż benefiċjarju ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet huma rifjutati jew f'każijiet ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar sospensjoni tal-għajnuna fi ftehimiet ta' partenarjat u kooperazzjoni mal-pajjiżi u r-reġjuni sħab, fejn pajjiż benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi u l-libertajiet fundamentali, jew l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew fejn il-progress lejn it-twettiq tal-kriterji tas-sħubija huwa insuffiċjenti, l-Unjoni tistieden lill-pajjiż benefiċjarju biex jagħmel konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż benefiċjarju ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet huma rifjutati jew f'każijiet ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li

jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-assistenza tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat b'kolloxx u immedjatament bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward.

jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-assistenza tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat b'kolloxx u immedjatament bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward. *F'dawn il-każijiet, l-assistenza tal-Unjoni m'għandhiex tiġi sospiżta għal fondi diġà allokati għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward ta' miżuri maħsuba biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jappoġġjaw il-proċessi ta' demokratizzazzjoni u djalogu fil-pajjiżi sħab.*

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 13a

Riżerva għall-Prestazzjoni

1. Fil-programmi indikattivi multiannwali tista' tiġi prevista Riżerva għall-Prestazzjoni. L-allokkazzjoni tal-fondi fir-Riżerva tal-Prestazzjoni għandha tiġi deċiża skont il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA, id-dokumenti ta' strateġija individwali u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Komuni, mingħajr ħsara għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja.

2. Ir-Riżerva għall-Prestazzjoni għandha tkun soġġetta għal indikaturi ta' prestazzjoni ċari, konsistenti u objettivi li jkunu jiformaw il-bażi biex jitkejjel il-progress tul iż-żmien fil-pajjiż benefiċjarju rispettiv. Fejn isir progress eċċezzjonali, f'każi li għandhom jiġu speċifikati b'mod sħiħ fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA, u waqt li titqies il-kisba tal-għanijiet operattivi kif speċifikat fid-dokumenti ta' strateġija

individwali, għandhom jinħarġu l-fondi mir-Riżerva għall-Prestazzjoni.

3. Id-deċiżjoni dwar il-ħlas ta' fondi mir-Riżerva għall-Prestazzjoni għandha tittieħed b'segwitu għal reviżjoni tad-dokument ta' strateġija relatat mal-benefiċjarju kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 6.

4. Għandu jiġi allokat ammont indikattiv, li jkun jikkorrispondi għal 5 % tal-allokazzjoni finanzjarja globali, lir-Riżerva għall-Prestazzjoni. Dak l-ammont m'għandux jiġi allokat minn qabel.

Ġustifikazzjoni

Riżerva għall-Prestazzjoni tinħoloq biex jiġu riżervati fondi speċifikament bħala premju għal prestazzjoni eċċezzjonali. Il-pajjiżi benefiċjarji kollha għandu jkollhom aċċess għaliha imma mhux bilfors se jgawdu minnha.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun EUR 14 110 100 000 (prezzijiet kurrenti). **Sa** 3% tal-ammont finanzjarju ta' referenza jiġi allokat għall-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bejn pajjiżi benefiċjarji u Stati Membri tal-UE.

Emenda

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju – **kif definit fil-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba** – għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun EUR 14 110 100 000 (prezzijiet kurrenti).. **Tal-anqas 3 %** tal-ammont finanzjarju ta' referenza jiġi allokat għall-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bejn pajjiżi benefiċjarji u Stati Membri tal-UE.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appropriazzjonijiet annwali jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja ***fil-limiti tal-Qafas*** Finanzjarju Multiannwali ***tal-Unjoni***.

Emenda

2. L-appropriazzjonijiet annwali ***għandhom*** jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja ***mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jistabbilixxi l-qafas*** finanzjarju multiannwali ***għas-snin 2014-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali ta' xxx/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba***.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. Kif imsemmi *fil-Artikolu 13*, paragrafu 2 tar-Regolament “Erasmus għal Kulħadd”, ammont indikattiv ***ta' EUR 1 812 100 000 mill-istrumenti esterni differenti*** (Strument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp, Strument Ewropew tal-Viċinat, Strument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni, Strument tas-Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), se jkun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim minn u lejn pajjiżi mhux tal-UE u għall-kooperazzjoni u djalogu politiku mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament “Erasmus għal Kulħadd” se japplikaw għall-użu ta' dawn il-fondi.

Emenda

3. Kif imsemmi *fl-Artikolu 13*, paragrafu 2 tar-Regolament “Erasmus għal Kulħadd”, ammont indikattiv, ***li jikkorrispondi ma' 2% tal-allokkazzjonijiet finanzjarji disponibbli għall-istrumenti parteċipanti*** (Strument ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp, Strument Ewropew tal-Viċinat, Strument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni, Strument tas-Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), se jkun allokat għal azzjonijiet ta' mobbiltà fit-tagħlim minn u lejn pajjiżi mhux tal-UE u għall-kooperazzjoni u djalogu politiku mal-awtoritajiet/istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament “Erasmus għal Kulħadd” se japplikaw għall-użu ta' dawn il-fondi.

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-inċertezza dwar l-ammonti finali li għandhom jiġu assenjati għall-istrumenti ta'

azzjoni esterna fl-MFF 2014 - 2020, ir-Rapporteur temmen li jkun aħjar li l-ammont indikattiv jiġi sostitwit b'perċentwali. Iċ-ċifra finali ta' 2 % ntlaħqet b'dan il-mod: peress li l-ammont totali ta' "Erasmus għal kulħadd" għall-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni, l-Istrument ta' Sħubija u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp hu ta' EUR 90 994 biljun bil-prezzijiet attwali, l-ammont ikkwotat hawnhekk hu ekwivalenti għal 1.99 % tat-total.

PROCĊEDURI

Titolu	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
Referenzi	COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Nadezhda Neynsky 29.2.2012
Data tal-adozzjoni	20.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 1 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Francesca Balzani, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Andrea Cozzolino, James Elles, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Giovanni La Via, Barbara Matera, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Alda Sousa, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Franziska Katharina Brantner, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Jürgen Klute, Jan Mulder, María Muñoz De Urquiza, Peter Šťastný, Theodor Dumitru Stolojan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz

25.4.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĠJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
(COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marije Cornelissen

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal Regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa l-kriterji għas-sħubija miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenĥagen f'Ġunju 1993 u sakemm l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri ġodda. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi,

Emenda

(4) Stat Ewropew li applika sabiex jissieħeb fl-Unjoni jista' jsir membru biss meta jkun ġie kkonfermat li jissodisfa l-kriterji għas-sħubija miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Kopenĥagen f'Ġunju 1993 u sakemm l-adeżjoni ma tkunx estendiet iżżejjed il-kapaċità tal-Unjoni biex tintegra l-membri ġodda. Dawn il-kriterji huma relatati mal-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u **għan-nondiskriminazzjoni kif ukoll ir-**

l-iżvilupp tal-ekonomija li trid tkun biżżejjed biex tflaħ għall-pressjoni kompetittiva fis-suq intern, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi taħt it-Trattati.

rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi **u tal-gruppi vulnerabbli**, l-iżvilupp tal-ekonomija li trid tkun biżżejjed biex tflaħ għall-pressjoni kompetittiva fis-suq intern, u l-abbiltà li jassumu mhux biss id-drittijiet iżda wkoll l-obbligi taħt it-Trattati.

Emenda 2

Proposta għal Regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Islanda, il-Montenegro, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u **t-Turkija**. Barra minn hekk, ikkonferma l-perspettiva Ewropea għall-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, **is-Serbja** kif ukoll il-Kosovo, li huma kkunsidrati bħala kandidati potenzjali.

Emenda

(6) Il-Kunsill Ewropew ta l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Islanda, il-Montenegro, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, **it-Turkija** u **s-Serbja**. Barra minn hekk, ikkonferma l-perspettiva Ewropea għall-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina kif ukoll il-Kosovo¹³, li huma kkunsidrati bħala kandidati potenzjali.

Emenda 3

Proposta għal Regolament Premessa 6 – nota tal-qiegħ

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

¹*Skont* l-UNSCR Nru 1244/1999

¹*Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus u konformi mal-UNSCR Nru 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.*

Emenda 4

Proposta għal Regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u *fis-Sħubiji* Ewropej jew ta' Adeżjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni. Għandha wkoll ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhaġen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li saru fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

Emenda 5

Proposta għal Regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali

Emenda

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u *fis-Sħubijiet* Ewropej jew ta' Adeżjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, ***il-promozzjoni*** tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni, ***u għandha timplimenta l-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-istrateġija ta' integrazzjoni nazzjonali tar-Roma u l-qafas Ewropew għal koeżjoni soċjali u territorjali***. Għandha wkoll ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhaġen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li saru fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

Emenda

(9) Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali

jeħtieġ ikunu ppreparati aħjar sabiex jirreżistu sfidi globali, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. Assistenza mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi wkoll għall-għan li żżid il-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%.

jeħtieġ ikunu ppreparati aħjar sabiex jirreżistu sfidi globali, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet. ***Għandu jsir investiment fir-riżorsi umani biex jipprovdli ħiliet u kompetenzi ġodda.*** Assistenza mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi wkoll għall-għan li żżid il-proporzjon tal-baġit tal-Unjoni relatat mal-klima għal mill-inqas 20%.

Emenda 6

Proposta għal Regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw konformità, koerenza u komplementarjetà tal-assistenza tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza.

Emenda

(10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw konformità, koerenza u komplementarjetà tal-assistenza tagħhom ***u tal-assistenza ta' istituzzjonijiet u donaturi internazzjonali oħra***, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' informazzjoni matul il-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' assistenza.

Emenda 7

Proposta għal Regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-proċess ta' adeżjoni u l-assistenza finanzjarja u teknika prevista taħt dan ir-Regolament u li jitwettqu l-għanijiet tal-aġenda tal-adeżjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas strateġiku komuni għall-użu tal-istrument ta' qabel l-adeżjoni. Dan il-qafas għandu jiddefinixxi,

Emenda

(11) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-proċess ta' adeżjoni u l-assistenza finanzjarja u teknika prevista taħt dan ir-Regolament u li jitwettqu l-għanijiet tal-aġenda tal-adeżjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas strateġiku komuni għall-użu tal-istrument ta' qabel l-adeżjoni. ***Il-Kummissjoni tista' tfittex***

fost affarijiet oħra, il-lista ta' azzjonijiet ewlenin li jistgħu jkunu appoġġjati taħt dan ir-Regolament u l-kriterji għall-allokazzjoni tal-fondi. Il-qafas strateġiku komuni għandu jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għall-pajjiż u dokumenti ta' għal għadd ta' pajjiżi.

appoġġ f'dan l-eżerċizzju mill-aġenziji tal-UE tagħha u istituzzjonijiet rilevanti oħra. Dan il-qafas għandu jiddefinixxi, fost affarijiet oħra, il-lista ta' azzjonijiet ewlenin li jistgħu jkunu appoġġjati taħt dan ir-Regolament u l-kriterji għall-allokazzjoni tal-fondi Il-qafas strateġiku komuni għandu jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għall-pajjiż u dokumenti ta' għal għadd ta' pajjiżi.

Emenda 8

Proposta għal Regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) L-għanijiet tal-assistenza għandhom jiġu definiti fid-dokumenti ta' strateġija indikattivi tal-pajjiż, ta' ħafna pajjiżi stabbiliti mill-Kummissjoni għal perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni applikabbli fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji, ibbażati fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-aġenda ta' tkabbir. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jidentifikaw l-oqsma ta' linja ta' politika għall-assistenza u, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Awtorità Baġitarja, jistabbilixxu l-allokazzjonijiet indikattivi ta' fondi għal kull qasam ta' linja ta' politika, imqassma għal kull sena inkulż stima tan-nefqa relatata mal-klima. Għandu jkun hemm flessibilità suffiċjenti li tilqa' għall-ħtiġijiet emerġenti u li tagħti inċentivi għat-titjib tal-prestazzjoni. Id-dokumenti tal-istrateġija għandhom jiżguraw koerenza u konsistenza mal-isforzi tal-pajjiżi benefiċjarji kif rifless fil-baġit nazzjonali tagħhom u għandhom iqisu l-appoġġ ipprovdut minn donaturi oħra. Sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-iżviluppi interni u esterni, id-dokumenti ta' strateġija indikattiva multiannwali għandhom jiġu riveduti kif xieraq.

Emenda

(12) L-għanijiet tal-assistenza għandhom jiġu definiti fid-dokumenti ta' strateġija indikattivi tal-pajjiż, ta' ħafna pajjiżi stabbiliti mill-Kummissjoni għal perjodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni applikabbli fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji, ibbażati fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u l-aġenda ta' tkabbir. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jidentifikaw l-oqsma ta' linja ta' politika għall-assistenza u, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Awtorità Baġitarja, jistabbilixxu l-allokazzjonijiet indikattivi ta' fondi għal kull qasam ta' linja ta' politika, imqassma għal kull sena inkulż stima tan-nefqa relatata mal-klima. Għandu jkun hemm flessibilità suffiċjenti li tilqa' għall-ħtiġijiet emerġenti, tagħti inċentivi għat-titjib tal-prestazzjoni ***u li ssaħħaħ l-investment domestiku u internazzjonali għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja.*** Id-dokumenti tal-istrateġija għandhom jiżguraw koerenza u konsistenza mal-isforzi tal-pajjiżi benefiċjarji kif rifless fil-baġit nazzjonali tagħhom u għandhom iqisu l-appoġġ ipprovdut minn donaturi oħra. Sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-iżviluppi interni u esterni, id-dokumenti ta' strateġija

indikattiva multiannwali għandhom jiġu riveduti kif xieraq.

Emenda 9

Proposta għal Regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-assistenza għandha tkompli tuża l-istrutturi u l-istrumenti li ġew ipprovati tajbin fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni mill-Kummissjoni għal ġestjoni **deċentralizzata** ddelegata lill-pajjiżi benefiċjarji għandha tkun progressiva u konformi mal-kapaċitajiet ta' kull pajjiż benefiċjarju.

Emenda

(17) L-assistenza għandha tkompli tuża l-istrutturi u l-istrumenti li ġew ipprovati tajbin fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni mill-Kummissjoni għal ġestjoni deċentralizzata ddelegata lill-pajjiżi benefiċjarji għandha tkun progressiva u konformi mal-kapaċitajiet ta' kull pajjiż benefiċjarju, **u għandha tkun digressiva jekk daww il-kapaċitajiet jevolvu b'mod negattiv.**

Emenda 10

Proposta għal Regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Meta pajjiż benefiċjarju jikser il-prinċipji li l-Unjoni hija mibnija fuqhom, jew ma jirrispettax l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew ma jagħmilx biżżejjed progress fir-rigward tal-kriterji tal-adeżjoni, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jkun jista' jieħu l-miżuri xierqa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni.

Emenda

(20) Meta pajjiż benefiċjarju jikser il-prinċipji li l-Unjoni hija mibnija fuqhom, jew ma jirrispettax l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew ma jagħmilx biżżejjed progress fir-rigward tal-kriterji tal-adeżjoni, **jew ma jibqax konformi mar-rekwiżiti għat-tehd ta' deċiżjonijiet politiċi dwar l-assistenza, jew għall-ġestjoni amministrattiva tagħha,** il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jkun jista' jieħu l-miżuri xierqa biex jikkoreġi s-sitwazzjoni.

Emenda 11

Proposta għal Regolament Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru għandhom jiġu promossi matul id-diversi stadji tal-applikazzjoni tal-IPA, inkluż id-disinn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tiegħu.

Emenda 12

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii). il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

(ii). il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett imsaħħaħ lejn id-drittijiet tal-minoranzi ***u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli***, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, il-libertà tal-istampa kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

Emenda 13

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt iv a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iva) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali biex jiżviluppaw id-djalogo soċjali;

Emenda 14

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ***d-djalogu soċjali***;

Emenda

(v) l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u ***s-sħubijiet soċjoekonomiċi u t-tfassil ta' mekkaniżmi konsultattivi adattati għall-istrutturar tad-djalogu mal-awtoritajiet***;

Emenda 15

Proposta għal Regolament Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt a - punt vi

Test propost mill-Kummissjoni

(vi) ir-rikonċiljazzjoni, il-miżuri tal-bini tal-paċi u l-bini tal-kunfidenza.

Emenda

(vi) ir-rikonċiljazzjoni ***lokali, nazzjonali u reġjonali***, il-miżuri tal-bini tal-paċi u l-bini tal-kunfidenza ***u relazzjonijiet tajba bejn il-pajjiżi tal-viċinat***.

Emenda 16

Proposta għal Regolament Artikolu 2 - paragrafu 1 – punt b – kliem tal-bidu

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Appoġġ għall-iżvilupp u r-riformi ekonomiċi, soċjali u territorjali, li jimmiraw għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, fost affarijiet oħra permezz:

Emenda

(b) Appoġġ għall-iżvilupp u r-riformi ekonomiċi, soċjali u territorjali, li jimmiraw għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv ***bi qbil mal-istrateġija Ewropa 2020***, fost affarijiet oħra permezz:

Emenda 17

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) tar-riformi ekonomiċi neċessarji biex

Emenda

(ii) tar-riformi ekonomiċi neċessarji biex

jilqgħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, filwaqt li jsegwu miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

jilqgħu għall-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni, filwaqt li jsegwu miri ekonomiċi, soċjali u ambjentali **u jkunu konformi mal-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u li jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi b'referenza partikolari għall-SMEs;**

Emenda 18

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii). tat-trawwim tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapital uman;

Emenda

(iii). tat-trawwim tal-impjiegi **deċenti** u l-iżvilupp tal-kapital uman **permezz tal-analiżi tas-suq tax-xogħol, politiki tal-edukazzjoni infurmati, programmi ta' stħarriġ ta' kwalità għolja kif ukoll bil-promozzjoni tal-volontarjat bħala mezz kif takkwista l-ħiliet;**

Emenda 19

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv). tal-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli;

Emenda

(iv). tal-inklużjoni soċjali u ekonomika, b'mod partikolari tal-minoranzi u l-gruppi vulnerabbli; **li jħeġġeġ u jippermetti tixjiħ attiv taċ-ċittadini u solidarjeta bejn il-ġenerazzjonijiet;**

Emenda 20

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt iv a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv a) il-promozzjoni ta' edukazzjoni inklussiva u integrata billi ssir enfasi

partikolari fuq il-prevenzjoni tas-separazzjoni fl-iskejjel fuq bażi etnika, it-tnaqqis tad-distakk bejn is-sessi, l-educazzjoni f'età żgħira u l-prevenzjoni tal-ħruġ mill-iskola qabel iż-żmien, biex b'dan il-mod wieħed jimmira lejn tnaqqis fl-inugwaljanzi etniċi, soċjali u reġjonali;

Emenda 21

Proposta għal Regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt iv b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv b) sensibilizzazzjoni li tirriżulta fl-interess ta' edukazzjoni inklussiva u integrata għall-problemi identifikati, u t-teħid ta' azzjonijiet biex jindirizzawhom, sabiex anki t-tfal żvantaġġjati jingħataw edukazzjoni ta' kwalità għolja;

Emenda 22

Proposta għal Regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt iv c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iv c) it-tisħiħ tas-sistema ta' protezzjoni soċjali, l-implimentazzjoni ta' pjanijiet strateġiċi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' miżuri politiċi soċjali għal persuni b'diżabbiltà, ir-Roma u persuni oħra li huma esklużi soċjalment;

Emenda 23

Proposta għal Regolament

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt b - punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(v a) miżuri effettivi kontra d-diskriminazzjoni, speċjalment l-

implimentazzjoni ta' strateġiji għall-integrazzjoni tar-Roma;

Emenda 24

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) It-tiŝih tal-abbiltà tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija billi jappoġġaw l-allinjament progressiv ma' u l-adozzjoni, implimentazzjoni u infurzar *tal-acquis communautaire*, tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, u għall-iżvilupp agrikolu u l-politiki tal-Unjoni.

Emenda

(c) It-tiŝih tal-abbiltà tal-pajjiżi benefiċjarji biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija billi jappoġġaw l-allinjament progressiv ma' u l-adozzjoni, implimentazzjoni u infurzar *tal-acquis communautaire*, tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, u għall-iżvilupp agrikolu u l-politiki tal-Unjoni. ***l-appoġġ attiv tal-mekkaniżmi ta' infurzar u monitoraġġ li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-obbligi skont l-acquis communautaire u l-istandards u l-impenji internazzjonali relevanti.***

Emenda 25

Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) It-tiŝih tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali permezz tat-tiŝih tal-kapaċitajiet ta' inizzjattivi bbażati fuq il-komunità u l-involviment ta' benefiċjarji lokali u reġjonali, kif ukoll permezz tas-sostenn għal strutturi adegwati settorali u tal-impreżi, SMEs f'dawk il-livelli u l-investment f'żoni rurali.

Emenda 26

Proposta għal Regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Progress fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem **u l-libertajiet fundamentali**, is-sistema tal-ġustizzja u l-livell tal-kapaċità amministrattiva;

Emenda

– Progress fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, **il-protezzjoni ta' gruppi ta' minoranza u tad-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli**, is-sistema tal-ġustizzja u l-livell tal-kapaċità amministrattiva, **il-promozzjoni tas-soċjetà ċivili, u l-kwalità tad-djalogu soċjali u ċivili**;

Emenda 27

Proposta għal Regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Progress fir-riformi **ekonomiċi**; is-solidità **u** l-effettività tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inkluż permezz tal-investimenti pubbliċi appoġġjati mill-IPA;

Emenda

– Progress fir-riformi **ekonomiċi**; is-solidità, l-effettività **u l-ġustizzja soċjali** tal-istrateġiji ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, progress lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv **u l-ħolqien tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-impjiegi, ta' kwalità**, inkluż permezz tal-investimenti pubbliċi appoġġjati mill-IPA;

Emenda 28

Proposta għal Regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-korp ta' leġislazzjoni allinjat mal-*acquis*; progress f'riforma istituzzjonali relatata mal-Unjoni, inkluż tranżizzjoni għal ġestjoni ċentralizzata tal-assistenza provduta taħt dan ir-Regolament;

Emenda

– Il-korp ta' leġislazzjoni allinjat mal-*acquis*, **inkluż il-preċedent tal-implimentazzjoni tiegħu**; progress f'riforma istituzzjonali relatata mal-Unjoni, inkluż tranżizzjoni għal ġestjoni ċentralizzata tal-assistenza provduta taħt dan ir-Regolament;

Emenda 29

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għandhom jitħeġġu possibiltajiet għall-progress lejn objettivi speċifiċi permezz tat-taħlita f'salt tal-assistenza fl-oqsma differenti tal-politika.

Emenda 30

Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-assistenza fl-oqsma politiċi kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tindirizza b'mod speċifiku l-bżonnijiet taċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli u ta' dawk iċ-ċittadini li huma l-aktar fir-riskju tal-faqar u/jew soċjalment esklużi.

Emenda 31

Proposta għal Regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Sabiex tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza fl-għoti tal-assistenza u sabiex jiġi evitat il-finanzjament doppju, il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiegħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura koordinazzjoni, u kumplimentarjetà aħjar mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet multilaterali u reġjonali, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, u donaturi mhux mill-Unjoni.

4. Sabiex tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza fl-għoti tal-assistenza u sabiex jiġi evitat il-finanzjament doppju, il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiegħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura koordinazzjoni, u kumplimentarjetà aħjar mal-organizzazzjonijiet u l-entitajiet multilaterali u reġjonali, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, **il-Kunsill tal-Ewropa**, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, fondi u programmi, u donaturi mhux mill-Unjoni, **u mal-inizjattivi tas-settur privat.**

Emenda 32

Proposta għal Regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Qafas Strateġiku Komuni għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA jsarraff il-prijoritajiet politiċi tal-politika tat-tkabbir f'azzjonijiet ewlenin li jistgħu jirċievu assistenza taħt dan ir-Regolament.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Qafas Strateġiku Komuni għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA jsarraff il-prijoritajiet politiċi tal-politika tat-tkabbir **u l-istrateġija Ewropa 2020** f'azzjonijiet ewlenin li jistgħu jirċievu assistenza taħt dan ir-Regolament.

Emenda 33

Proposta għal Regolament Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi s-soċjetà ċivili, l-isħab soċjali u l-Parlament Ewropew fl-abbozzar u r-rieżami tal-Qafas Strateġiku Komuni IPA.

Emenda 34

Proposta għal Regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-assistenza taħt dan ir-Regolament tiġi pprovduta fuq il-bażi ta' dokumenti indikattivi ta' strateġija ta' pajjiż jew ta' ħafna pajjiżi (minn issa 'l quddiem "id-dokumenti ta' strateġija"), stabbiliti għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni, mill-Kummissjoni fi sħubija mal-pajjiż jew pajjiżi benefiċjarju/benefiċjarji kkonċernat(i).

Emenda

1. L-assistenza taħt dan ir-Regolament tiġi pprovduta fuq il-bażi ta' dokumenti indikattivi ta' strateġija ta' pajjiż jew ta' ħafna pajjiżi (minn issa 'l quddiem "id-dokumenti ta' strateġija"), stabbiliti għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni, mill-Kummissjoni fi sħubija mal-pajjiż jew pajjiżi benefiċjarju/benefiċjarji kkonċernat(i). **u wara konsultazzjoni mas-**

Emenda 35

Proposta għal Regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-dokumenti ta' strateġija jispeċifikaw it-taħlita xierqa ta' oqsma ta' politika msemmija fl-Artikolu 3 li se jirċievu assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament li jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet, b'mod konformi mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5, u b'mod konsistenti mal-istrateġiji nazzjonali, kif xieraq.

Emenda

2. Id-dokumenti ta' strateġija jispeċifikaw it-taħlita xierqa ta' oqsma ta' politika msemmija fl-Artikolu 3 li se jirċievu assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament li jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet, b'mod konformi mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5, u b'mod konsistenti mal-istrateġiji nazzjonali, kif xieraq. ***Id-Dokumenti ta' Strateġija għandhom jinkludu wkoll miri speċifiċi għal kull pajjiż għal kull għan tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.***

Emenda 36

Proposta għal Regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dokumenti ta' strateġija jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-UE għal kull qasam ta' linja ta' politika, kif applikabbli, imqassma kull sena, b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5. L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tieħu kont ta' ħtiġijiet, kapaċità ta' assorbiment u tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji. Għandha tippermetti wkoll l-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti u tinkludi inċentivi sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fir-

Emenda

3. Id-dokumenti ta' strateġija jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-UE għal kull qasam ta' linja ta' politika, kif applikabbli, imqassma kull sena, b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5, ***mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-assistenza tiġi kkombinata f'oqsma politiċi differenti.*** L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tieħu kont ta' ħtiġijiet, kapaċità ta' assorbiment u tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji. Għandha tippermetti wkoll l-indirizzar tal-

rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija indikattiva multiannwali.

ħtiġijiet emerġenti u tinkludi inċentivi sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija indikattiva multiannwali.

Emenda 37

Proposta għal Regolament Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni għandha tqis, fl-abbozzar u fir-rieżami tad-dokumenti tal-istrateġija, id-dispożizzjonijiet l-aktar riċenti tal-Parlament Ewropew dwar l-integrazzjoni Ewropea ta' kull pajjiż fi triqtu lejn l-adeżjoni. Id-dokumenti tal-istrateġija għandhom ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew fuq talba tiegħu.

Emenda 38

Proposta għal Regolament Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar sospensjoni tal-ġajnuna fi ftehimiet ta' partenarjat u kooperazzjoni mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, fejn pajjiż benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi u l-libertajiet fundamentali, jew l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew fejn il-progress lejn it-twettiq tal-kriterji tas-sħubija huwa insuffiċjenti, l-Unjoni tistieden lill-pajjiż benefiċjarju biex jagħmel konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar sospensjoni tal-ġajnuna fi ftehimiet ta' partenarjat u kooperazzjoni mal-pajjiżi u r-reġjuni msieħba, fejn pajjiż benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-minoranzi u l-libertajiet fundamentali, jew l-impenji li jinsabu fil-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni, jew fejn il-progress lejn it-twettiq tal-kriterji tas-sħubija ***u tat-trasparenza huma insuffiċjenti, jew fejn iċ-ċirkostanzi ammistrattivi jew politiċi jaffettwaw b'mod negattiv il-ġestjoni tal-assistenza jew tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikkonċernat***

Fejn il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż benefiċjarju ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet huma rifjutati jew f'każijiet ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-assistenza tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat b'kollox u immedjatament bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward.

magħha, l-Unjoni tistieden lill-pajjiż benefiċjarju biex jagħmel konsultazzjonijiet bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, ħlief f'każijiet ta' urġenza speċjali. Fejn il-konsultazzjonijiet mal-pajjiż benefiċjarju ma jwasslux għal soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, jew jekk il-konsultazzjonijiet huma rifjutati jew f'każijiet ta' urġenza speċjali, il-Kunsill jista' jieħu miżuri xierqa skont l-Artikolu 215(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistgħu jinkludu s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tal-assistenza tal-Unjoni. Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat b'kollox u immedjatament bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward.

Emenda 39

Proposta għal Regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun EUR 14 110 100 000 (prezzijiet kurrenti). Sa 3% tal-ammont finanzjarju ta' referenza jiġi allokat għall-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bejn pajjiżi benefiċjarji u Stati Membri tal-UE.

Emenda

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun EUR 14 110 100 000 (prezzijiet kurrenti). Sa 3 % tal-ammont finanzjarju ta' referenza jiġi allokat għall-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bejn pajjiżi benefiċjarji u Stati Membri tal-UE, **u 1.5% tal-qafas ta' referenza finanzjarju huwa allokat għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali inkluża l-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili.**

PROĊEDURI

Titolu	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)	
Referenzi	COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 17.1.2012	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Marije Cornelissen 19.1.2012	
Eżami fil-kumitat	27.3.2012	24.4.2012
Data tal-adozzjoni	24.4.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 -: 2 0: 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Heinz K. Becker, Phil Bennion, Vilija Blinkevičiūtė, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Marije Cornelissen, Emer Costello, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Karima Delli, Sari Essayah, Richard Falbr, Thomas Händel, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Óry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Nicole Sinclair, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georges Bach, Sergio Gutiérrez Prieto, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Jelko Kacin, Svetoslav Hristov Malinov, Ramona Nicole Mănescu, Emilie Turunen	

12.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
(COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-assistenza teknika u finanzjarja mogħtija lill-pajjiżi nvoluti fit-tkabbir permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) tgħin fl-appoġġ lil dawn il-pajjiżi, fi hndan il-Qafas Finanzjarju Multiannwali fis-seħħ, tul it-tranżizzjoni tagħhom minn status ta' pajjiż kandidat potenzjali għal dak ta' pajjiż kandidat u eventwalment lejn is-sħubija fl-Unjoni Ewropea; iġhin fil-promozzjoni tal-istabilità, is-sigurtà u l-prosperità. Ir-rapporteur hi tal-fehma, li t-test attwali tar-Regolament kif propost mill-Kummissjoni Ewropea COM(2011)838 ġeneralment jikseb l-għanijiet tiegħu – it-tisħiħ tal-effikaċja tal-assistenza finanzjarja u teknika b'titjib fil-funzjonament tal-istrument u bit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Madankollu, ir-rapporteur ressqet bosta emendi għall-proposta tal-KE għal Regolament IPA II ġdid. Dawn l-emendi proposti jkopru l-kwistjonijiet mqajma fil-paragrafi li ġejjin.

Programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali ffinanzjati minn dan l-Istrument huma importanti ħafna mill-aspett tal-politika għall-iżvilupp reġjonali. Dawn il-programmi għandhom l-għan li jibnu il-kompetittività u l-eċċellenza, ikabbru l-prosperità ekonomika tar-reġjuni transkonfinali, is-sigurtà u s-sikurezza politika fiż-żona, kif ukoll jiffaċilitaw il-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Ir-rapporteur tqis bħala essenzjali, it-tnaqqis tad-differenzi eżistenti fost il-livelli tal-iżvilupp tar-reġjuni transkonfinali, u t-titjib tal-kooperazzjoni fil-livell reġjonali u lokali bejn il-komunitajiet f'żoni soċjali, kulturali u xjentifiċi. Għal dan il-għan, u wara konsultazzjoni mal-KE, jidher li l-allokazzjoni ta' sehem akbar ta' finanzjament tal-IPA għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali hi kemm bżonnjuża kif ukoll ġustifikata, speċjalment mill-aspett tal-politika ta' koeżjoni tal-UE li ssemma' qabel.

Fuq nota aktar ġenerali, għandhom jitwettqu sforzi kontinwi għat-tisħiħ tad-demokrazija u

tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk għandha tiżdied premessa addizzjonali fil-proposta attwali, li tirreferi għall-idea stess tad-demokrazija. Skont ir-rapporteur, l-Ewropa għandha itteni l-approċċ tagħha għall-promozzjoni tad-demokrazija, ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Għalhekk, għandhom jiddaħħlu strumenti finanzjarji aktar flessibbli u effettivi sabiex jitjiebu l-istrumenti attwali għall-appoġġ tad-demokrazija użati fil-politika barranija tal-UE.

Ir-rapporteur tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-kriterji tal-allokazzjoni tal-fondi li jikkonċernaw l-IPA, jeħtieġu b'xi mod jiġu adottati aħjar. L-Istrument jimxi skont il-prinċipji tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea u għalhekk il-finanzjament tiegħu jiddependi b'mod qawwi fuq il-kriterju tal-popolazzjoni, li jista' jitqies bħala diskriminatorju fir-rigward ta' żoni b'popolazzjoni relattivament baxxa, bħall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

B'żieda ma' dan, l-IPA għandu l-għan li jappoġġja r-riforma fit-tranżizzjoni u l-binital-kapaċità istituzzjonali għall-implimentazzjoni tiegħu. Madankollu, il-proposta tal-KE timplika li aktar ma l-kapaċità ta' assorbiment u amministrattiva tal-pajjż tkun kbira, aktar huma l-fondi li dan il-pajjż għandu jirċievi. Għal darb'oħra, fil-Balkani tal-Punent il-kapaċitajiet amministrattivi tnaqqsu minħabba fatturi lil hinn mill-kontroll tal-istati tar-reġjun. Għalhekk żgur li wieħed jista' jinnota li dawn jistgħu jkunu qegħdin jirċievu anqas finanzjament minn pajjiżi kandidati oħrajn. Għalhekk ir-rapporteur tissuġġerixxi li jistgħu jiġu definiti kriterji aktar dettaljati ta' finanzjament, kif imsemmija fl-Artikoli 6 u 9 tal-proposta tal-KE.

Barra minn hekk, għand l-kooperazzjoni msaħħa bejn il-pajjiżi benefiċjarji u l-Istati Membri għandha tkun inkoraġġita. L-Artikolu 2, punt b) tal-proposta tal-KE attwali għalhekk għandha tinkludi definizzjoni ta' kooperazzjoni aktar wiesgħa bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati/ jew dawk kandidati potenzjali. Għaldaqstant, ir-rapporteur tixtieq tinkludi d-definizzjoni ta' "ġemellaġġ(twinning)" fit-test, strument li għandu l-għan li jgħin lill-pajjiżi benefiċjarji fl-iżvilupp ta' amministrazzjoni moderna u effikaċi, bi strutturi, riżorsi umani u ħiliet ta' ġestjoni li jikkumparaw ma' dawk tal-Istati Membri tal-UE. Din iż-żieda ssaħħa ukoll id-dimensjoni lokali u reġjonali tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni li hu approċċ importanti mill-aspett tal-politika ta' żvilupp reġjonali.

Kif ukoll f'dan l-approċċ, għandu jitkompla l-isforz f'isem l-UE biex titjeb is-sitwazzjoni tal-minoranzi nazzjonali fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni. Id-diskriminazzjoni u f'xi każijiet anke l-vjolenza, kontra l-membri ta' minoranzi għadha mifruxa ħafna. Barra minn hekk, il-finanzjament statali ta' miżuri ta' protezzjoni tal-minoranzi f'dawn il-pajjiżi għadu mhux biżżejjed. Hu għalhekk li għandu jinżamm sforz ikkonċentrat fuq it-tisħiħ ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni u l-għajnuna ta' komunitajiet ta' minoranzi fit-twettiq tad-drittijiet tagħhom. Għaldaqstant, il-premessa 8 tar-regolament propost għandha ssemmi biċ-ċar il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali.

Ir-rapporteur hi tal-fehma li s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tagħha, li ġeneralment jissejġu organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs) jeħtieġu jiġu appoġġjati f'kull mument. Għalhekk ta' min wieħed jinnota li tal-inqas f'xi uħud mill-pajjiżi benefiċjarji, is-soċjetà ċivili hi trattata bħala strument għall-bini tal-kapaċità amministrattiva. Madankollu jenħtieġ ukoll li jkun hemm parteċipazzjoni indipendenti tas-soċjetà ċivili fil-bini tad-demokrazija. L-emenda għall-Artikolu 3 paragrafu 1 tal-proposta tal-KE għandha l-għan li tikseb preċiżament dawn l-objettivi.

Skont ir-rapporteur, l-ambitu u l-kondizzjonijiet ta' finanzjament mill-IPA kif ukoll ir-regoli ta' parteċipazzjoni u ta' eliġibilità applikabbli jirrikjedu żvilupp u kjarifika ulterjuri.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Għandha tiġi enfasizzata l-importanza tat-tisħiħ tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, u għandhom jitwettqu inizjattivi għall-ħolqien ta' mekkaniżmi ġodda sodi u allokkazzjonijiet ġodda li għandhom l-għan li jappoġġjaw forma egalitarja ta' gvern fejn iċ-ċittadini kollha ta' nazzjon, jiddeterminaw flimkien il-politika pubblika, il-liġijiet u l-azzjonijiet tal-istat tagħhom, skont il-prinċipju li iċ-ċittadini kollha għandha opportunità ndaqs li jesprimu l-opinjoni tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur temmen li għad hemm bżonn ta' strumenti addizzjonali għall-appoġġ ta' proċessi demokratiċi f'pajjiżi fi tranżizzjoni biex jimtela' l-vojt fil-politika barranija tal-UE.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni

(8) L-assistenza taħt dan ir-Regolament għandha tiġi pprovduta skont il-qafas ta' politika għat-tkabbir definit mill-Unjoni

għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u fis-Sħubiji Ewropej jew ta' Adeżjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u non-diskriminazzjoni. Għandha wkoll ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhagen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li saru fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

għal kull pajjiż benefiċjarju u rifless fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni, inklużi r-Rapporti ta' Progress u l-Istrateġija għat-Tkabbir, fil-ftehimiet ta' Stabbiltà u ta' Assoċjazzjoni u fis-Sħubiji Ewropej jew ta' Adeżjoni. L-assistenza għandha tiffoka prinċipalment fuq għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji jsaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ***il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali, etniċi, reliġjużi u lingwistiċi*** u n-nondiskriminazzjoni, ***u t-trattament tal-korruzzjoni u tal-kriminalità organizzata***. Għandha wkoll ittejjeb l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom, li jesfasizza aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva konformi mal-istrateġija Ewropa 2020 u biex isir allinjament progressiv mal-kriterji ta' Kopenhagen. Il-koerenza bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li saru fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni għandha tiġi msaħħa.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-proċess ta' adeżjoni u l-assistenza finanzjarja u teknika prevista taħt dan ir-Regolament u li jitwettqu l-għanijiet tal-aġenda tal-adeżjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas strateġiku komuni għall-użu tal-istrument ta' qabel l-adeżjoni. Dan il-qafas għandu jiddefinixxi, fost affarijiet oħra, il-lista ta' azzjonijiet ewlenin li jistgħu jkunu appoġġjati taħt dan ir-Regolament u l-kriterji għall-allokazzjoni tal-fondi. Il-qafas strateġiku

Emenda

(11) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-proċess ta' adeżjoni u l-assistenza finanzjarja u teknika prevista taħt dan ir-Regolament u li jitwettqu l-għanijiet tal-aġenda tal-adeżjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas strateġiku komuni għall-użu tal-istrument ta' qabel l-adeżjoni. Dan il-qafas għandu jiddefinixxi, fost affarijiet oħra, il-lista ta' azzjonijiet ewlenin li jistgħu jkunu appoġġjati taħt dan ir-Regolament u l-kriterji ***aktar dettaljati*** għall-allokazzjoni tal-fondi. Il-qafas

komuni għandu jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għall-pajjiż u dokumenti ta' għal għadd ta' pajjiżi.

strateġiku komuni għandu jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza għall-pajjiż u dokumenti ta' għal għadd ta' pajjiżi.

Ġustifikazzjoni

Hu essenzjali li jkun hemm kriterji ċari u mhux ambigwi għall-allokazzjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni. Peress li l-formulazzjoni rilevanti attwali fir-regolament tista' tidher li mhijiex dettaljata jew ċara biżżejjed, tajjeb li jiġi stabbilit fil-prinċipju, li din teħtieġ studju aktar dettaljat.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Implimentattiv Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, setgħat delegati biex tadotta regoli aktar dettaljati li jistabbilixxu kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri u stutturi tal-ġestjoni, għandhom ukoll jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Tali *ir-regoli* dettaljati għandhom iqisu l-lezzjonijiet li ttieħdu mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-passat ta' qabel l-adeżjoni u jkunu adattati għall-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi benefiċjarji.

Emenda

(15) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Implimentattiv Komuni") jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għal azzjoni esterna, setgħat delegati biex tadotta regoli aktar dettaljati li jistabbilixxu kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri u stutturi tal-ġestjoni, ***kif ukoll l-estensjoni tal-eliġibilità għall-assistenza skont l-istrument stabbilit hawnhekk għal pajjiżi mhux elenkati fl-Anness*** għandhom ukoll jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Tali *regoli* dettaljati għandhom iqisu l-lezzjonijiet li ttieħdu mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-assistenza tal-passat ta' qabel l-adeżjoni u jkunu adattati għall-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi benefiċjarji. ***Madankollu, l-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni biss meta jkun xieraq, b'salvagwardja tad-dritt tal-Parlament Ewropew li joġġezzjona għall-miżuri inklużi fihom.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-assistenza għandha tkompli tuża l-istrutturi u l-istrumenti li ġew ipprovat i tajbin fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni mill-Kummissjoni għal ġestjoni deċentralizzata ddelegata lill-pajjiżi benefiċjarji għandha tkun progressiva u konformi mal-kapaċitajiet ta' kull pajjiż benefiċjarju.

Emenda

(17) L-assistenza għandha tkompli tuża l-istrutturi u l-istrumenti li ġew ipprovat i tajbin fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni mill-Kummissjoni għal ġestjoni deċentralizzata ddelegata lill-pajjiżi benefiċjarji għandha tkun progressiva u konformi mal-kapaċitajiet ta' kull pajjiż benefiċjarju. ***Sabiex tiġi miġġielda l-korruzzjoni għandhom jiżdiedu t-trasparenza, il-ġestjoni tajba, il-prevenzjoni tal-imġiba ħażina, il-konformità u s-sorveljanza, ir-r-responsabilizzazzjoni u l-kontroll, u għandhom jiġu adottati miżuri iktar stretti tal-awditjar matul dan il-proċess.***

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata;

Emenda

(iii) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ***permezz ta' enfasi akbar fuq l-infurzar tal-liġi, il-kontrolli fil-fruntiera u l-ġestjoni tal-fruntiera kif ukoll il-kontrolli tal-immigrazzjoni;***

Ġustifikazzjoni

Qed isir progress fl-isforzi għall-qerda tal-korruzzjoni u tal-għeruq tal-kriminalità organizzata. Madankollu, l-organizzazzjonijiet kriminali joperaw l-aktar bejn il-fruntieri nazzjonali: il-kummerċ tad-drogi, it-traffikar, il-kuntrabandu ta' immigranti illegali, il-flussi ta' flus foloz. Sabiex l-għajnuna tal-UE issir aktar effettiva fir-risoluzzjoni ta' dawn il-problemi, hu essenzjali li titjieb il-governanza ġudizzjarja, tiġi ttrattata l-kriminalità, jiġu kkontrollati l-fruntieri u tingħata enfasi akbar fuq iċ-ċaqliq tan-nies fil-fruntieri.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika **u** l-governanza tajba;

Emenda

(iv) ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, il-governanza tajba **u t-titjib tal-kapaċità istituzzjonali**;

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 2 - paragrafu 1 – punt b – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Appoġġ għall-iżvilupp u r-riformi ekonomiċi, soċjali u territorjali, li jimmiraw għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, fost affarijiet oħra permezz:

Emenda

(b) Appoġġ għall-iżvilupp u r-riformi ekonomiċi, soċjali u territorjali, li jimmiraw għal tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv, **u għal żieda fil-kooperazzjoni bejn u fost l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati jew kandidati potenzjali**, fost affarijiet oħra permezz:

Ġustifikazzjoni

Dan l-istrument ta' bini istituzzjonali għandu bosta vantaġġi u benefiċċji. L-iktar importanti huma: l-iżvilupp ta' amministrazzjoni moderna u effikaċi abbażi ta' skambju dirett ta' esperjenzi u għarfien fil-livell ċentrali, lokali u reġjonali, f'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni tal-UE, l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki Amministrattivi tal-UE, it-taħriġ u t-titjib tal-kapaċità professjonali, it-tibdil fil-prattika u l-kultura organizzattiva, komunikazzjoni u koordinament aħjar eċċ.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni

(v) tal-iżvilupp tal-kapital fiżiku, it-titjib tal-konnessjonijiet **mal-Unjoni** u n-netwerks reġjonali.

Emenda

(v) tal-iżvilupp tal-kapital fiżiku, it-titjib tal-konnessjonijiet **mal-infrastrutturi** u n-netwerks reġjonali **tal-Unjoni**.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(va) l-iskambju ta' esperjenza u għarfien rigward il-leġislazzjoni u l-amministrazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt b - punt vb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(vb) il-ġemellaġ, li jippermetti lill-komunitajiet barra mill-Unjoni biex jikkooperaw flimkien b'mod mhux mistenni sabiex tiġi żviluppata amministrazzjoni pubblika moderna u effiċjenti – inkluż bi strutturi b'saħħithom, persunal ikkwalifikat – ħiliet adegwati – immudellata b'tali mod sabiex jinkisbu l-istandards milħuqa fl-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

Dan l-istrument ta' bini istituzzjonali għandu bosta vantaġġi u benefiċċji. L-iktar importanti huma: l-iżvilupp ta' amministrazzjoni moderna u effikaċi abbażi ta' skambju dirett ta' esperjenzi u għarfien fil-livell ċentrali, lokali u reġjonali, f'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni tal-UE, l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki amministrattivi tal-UE, it-taħriġ u t-titjib tal-kapaċità professjonali, it-tibdil fil-prattika u l-kultura organizzattiva, komunikazzjoni u koordinament aħjar eċċ.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt b - punt vc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(vc) l-iżvilupp ta' proġetti tal-

*infrastruttura li jindirizzaw it-
trasportazzjoni reġjonali u nazzjonali, l-
enerġija u l-bżonnijiet tal-
komunikazzjoni.*

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-proċess tat-tranżizzjoni lejn sħubija
fl-Unjoni u l-bini tal-kapaċità;

Emenda

(a) il-proċess tat-tranżizzjoni lejn sħubija
fl-Unjoni, *l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-
Unjoni* u l-bini tal-kapaċità;

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ea) l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet tas-
soċjetà ċivili u ta' organizzazzjonijiet non-
governattivi u l-appoġġ għall-attivitajiet
tagħhom ta' bini ta' soċjetà demokratika.*

Ġustifikazzjoni

*F'ċerti pajjiżi s-soċjetà ċivili hi trattata bħala strument għall-bini tal-kapaċità
amministrattiva. Għandu jiġi enfasizzat li jenħtieġ ukoll li s-soċjetà ċivili tipparteċipa fil-bini
tal-valuri demokratiċi u fl-appoġġ tal-attività tagħhom, indipendentement mill-gvern.*

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) azzjoni għall-prevenzjoni ta' diżastri.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta tipprepara, timplimenta u tissorvelja l-għajnuna taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni fil-prinċipju taġixxi fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi, ***kif xieraq, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kompetenti, imsieħba ekonomiċi u soċjali, soċjetà ċivili u*** atturi mhux statali.

Emenda

5. Meta tipprepara, timplimenta u tissorvelja l-għajnuna taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni fil-prinċipju taġixxi fi sħubija mal-pajjiżi benefiċjarji. Is-sħubija għandha tinvolvi ***lill-imsieħba li ġejjin:***

(i) l-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra;

(ii) imsieħba ekonomiċi u soċjali;

(iii) korpi rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni; kif ukoll

(iv) atturi mhux statali.

L-imsieħba għandhom jipparteċipaw fil-kumitati ta' monitoraġġ għall-programmi.

Il-parteeċipazzjoni ta' dawn l-imsieħba għandha tkun bi qbil mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew.

Ġustifikazzjoni

Il-parteeċipazzjoni tas-soċjetà ċivili hi element importanti tal-bini u t-tiŝiħ tad-demokrazija. L-iżvilupp ta' amministrazzjoni moderna u effikaċi fl-iskambju dirett ta' esperjenzi u għarfien, l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki, taħriġ u t-titjib tal-kapaċità professjonali, tibdiliet fil-prattiki u l-kultura organizzattiva, komunikazzjoni u koordinament aħjar, kif ukoll – l-aħħar iżda mhux l-inqas – l-implimentazzjoni tal-politiki strutturali, kollha jeħtieġu rikonoxximent sod, ċar u dettaljat tal-prinċipju ta' sħubija.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-assistenza taħt dan ir-Regolament tiġi pprovduta fuq il-bażi ta' dokumenti indikattivi ta' strateġija ta' pajjiż jew ta' ħafna pajjiżi (minn issa 'l quddiem "id-dokumenti ta' strateġija"), stabbiliti għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni, mill-Kummissjoni fi sħubija mal-pajjiż jew pajjiżi benefiċjarju/benefiċjarji kkonċernat(i).

Emenda

1. L-assistenza taħt dan ir-Regolament tiġi pprovduta fuq il-bażi ta' dokumenti indikattivi ta' strateġija ta' pajjiż jew ta' ħafna pajjiżi (minn issa 'l quddiem "id-dokumenti ta' strateġija"), stabbiliti għat-tul tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni, mill-Kummissjoni fi sħubija mal-pajjiż jew pajjiżi benefiċjarju/benefiċjarji **u l-Istat Membru jew Stati Membri** kkonċernat(i) **u wara konsultazzjoni bir-reqqa mal-Parlament Ewropew.**

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur tirrifjuta l-approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" peress li l-kapaċitajiet amministrattivi u ta' assorbiment kif ukoll l-istrutturi settorjali jvarjaw ħafna fost ir-reġjuni f'pajjiżi kandidati potenzjali u dawk kandidati.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-dokumenti ta' strateġija jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-UE għal kull qasam ta' linja ta' politika, kif applikabbli, imqassma kull sena, b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5. L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tieħu kont ta' ħtiġijiet, **kapaċità** ta' assorbiment u tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji. Għandha tippermetti wkoll l-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti u tinkludi inċentivi sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija indikattiva multiannwali.

Emenda

3. Id-dokumenti ta' strateġija jinkludu l-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tal-UE għal kull qasam ta' linja ta' politika, kif applikabbli, imqassma kull sena, b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni tal-IPA msemmi fl-Artikolu 5. L-allokazzjoni indikattiva tal-fondi tieħu kont ta' ħtiġijiet, **kif ukoll, b'mod raġjonevoli, il-kapaċità** ta' assorbiment u tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi benefiċjarji. Għandha tippermetti wkoll l-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti u tinkludi inċentivi sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti fl-istrateġija

indikattiva multiannwali.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur tirrifjuta l-approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" peress li l-kapaċitajiet amministrattivi u ta' assorbiment kif ukoll l-istrutturi settorjali jvarjaw ħafna fost ir-reġjuni f'pajjiżi kandidati potenzjali u daww kandidati.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Id-dokument ta' strateġija ta' kwalunkwe pajjiż li jkun miexi lejn l-adeżjoni (mill-inqas sena qabel isir Stat Membru tal-Unjoni) għandu jipprovdi perjodu ta' tranżizzjoni mill-Istrument IPA għall-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni.

Ġustifikazzjoni

Dan jagħmilha possibbli li l-pajjiż ikun lest juża l-fondi strutturali u ta' koeżjoni tal-UE mal li l-pajjiż jidħol fl-UE.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Id-dokumenti ta' strateġija jiġu riveduti f'nofs it-terminu u jiġu riveduti kif xieraq. Dawn jistgħu jiġu riveduti f'kull ħin fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

4. Id-dokumenti ta' strateġija jiġu riveduti f'nofs it-terminu u jiġu riveduti kif xieraq. Dawn jistgħu jiġu riveduti f'kull ħin fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Il-Parlament Ewropew għandu jkollu s-setgħa li jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi d-dokumenti ta' strateġija.

Fil-każ ta' risposta negattiva, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi spjegazzjoni sħiħa.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-kooperazzjoni transkonfinali għandha tiġi implimentata bi qbil mal-paragrafi 1,2 u 3 u permezz tal-assistenza tal-istrumenti adegwati. Dawn l-istrumenti għandhom jinkludu b'mod partikolari ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali bi qbil mar-regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006.

1 ĠU L 210, 31.1.2006, p. 19.

Ġustifikazzjoni

Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) diġà wera lilu nnifsu indispensabbli daqs il-kooperazzjoni territorjali (transfruntiera, transreġjonali u transnazzjonali) fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant hu xieraq, li bl-estensjoni tal-ambitu ta' applikazzjoni tiegħu flimkien mal-emendi għar-Regolament Nru. 1082/2006 li qegħdin jiġu kkunsidrati bħalissa għall-partijiet li mhumiex stabbiliti fi Stat Membru, li r-REKT jiġi applikat għall-politika tat-tkabbir Ewropea fl-aspett ta' "koeżjoni esterna".

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Fejn xieraq, l-IPA jista' jikkontribwixxi għal programmi u miżuri li jiddaħħlu bħala parti minn strateġija makroreġjonali u fiha jkun involuti l-pajjiżi benefiċjarji tal-IPA.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 11 li jemendaw l-Anness għal dan ir-Regolament u jikkomplementaw ir-Regolament Implimentattiv Komuni b'regoli speċifiċi li jstabbilixxu kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 11 li jemendaw l-Anness għal dan ir-Regolament u jikkomplementaw ir-Regolament Implimentattiv Komuni b'regoli speċifiċi li jstabbilixxu kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari fir-rigward kwalunkwe estensjoni, skont l-Artikolu 9 tal-eleġgibilità għal assistenza skont il-programmi u l-miżżuri msemmija fl-Artikolu 7.***

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun EUR 14 110 100 000 (prezzijiet kurrenti). Sa 3% tal-ammont finanzjarju ta' referenza jiġi allokati għall-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bejn pajjiżi benefiċjarji u Stati Membri tal-UE.

Emenda

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2014 sal-2020 ikun EUR 14 110 100 000 (prezzijiet kurrenti). Sa 7% tal-ammont finanzjarju ta' referenza jiġi allokati għall-programmi ta' koperazzjoni transkonfinali bejn pajjiżi benefiċjarji u Stati Membri tal-UE.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-kooperazzjoni transfruntiera hi prijorità ewlenija fil-politika tal-UE u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'reġjuni fuq kull naħa tal-fruntieri komuni, tindirizza sfidi f'oqsma bħall-ambjent, is-saħħa pubblika u l-prevenzjoni ta' u l-għieda kontra l-kriminalità organizzata, tiżgura l-effiċjenza u s-sigurtà tal-fruntieri u tippromwovi azzjonijiet favur in-nies minn nies lokali transfruntiera, hu essenzjali li jiġu allokati flejjes aktar sostanzjali għal dan l-istrument.

PROĊEDURI

Titolu	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)
Referenzi	COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Elżbieta Katarzyna Łukacijewska 26.1.2012
Eżami fil-kumitat	26.4.2012
Data tal-adozzjoni	29.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Jean-Paul Basset, Victor Boştinaru, Alain Cadec, Nikos Chrysogelos, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivars Godmanis, Lena Kolarska-Bobińska, Ivari Padar, László Surján, Giommara Uggias

PROĊEDURA

Titolu	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)			
Referenzi	COM(2011)0838 – C7-0491/2011 – 2011/0404(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	7.12.2011			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 17.1.2012			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 17.1.2012	BUDG 17.1.2012	EMPL 17.1.2012	REGI 17.1.2012
	AGRI 17.1.2012	LIBE 17.1.2012	FEMM 17.1.2012	
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	AGRI 20.12.2011	LIBE 26.1.2012	FEMM 27.4.2012	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Libor Rouček 5.10.2011			
Rapporteur(s) preċedenti	Kristian Vigenin			
Eżami fil-kumitat	9.7.2012			
Data tal-adozzjoni	5.12.2013			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	47 2 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elmar Brok, Jerzy Buzek, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Vytautas Landsbergis, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Boris Zala			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Marije Cornelissen, Kinga Gál, Barbara Lochbihler, Antonio López-Istúriz White, Doris Pack, Ivo Vajgl, Paweł Zalewski			
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hiltrud Breyer			
Data tat-tressiq	6.12.2013			